# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sebgħa u Għoxrin (27) ta' Frar 2025**

**Rikors Numru 410/2022FDP**

Fl-ismijiet

**TSG Interactive Gaming Europe Ltd (C 54266)**

**Vs**

**Gerhard Posch (Passaport Awstrijakk 1429124) kif debitament irrappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Damien Degiorgio (K.I: 103075M) ta' 2/16, Strait Street, Valletta, Malta u b'digriet tas-26 ta' Settembru 2022 intervjeniet fil-kawża l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob u b'digriet tas-6 ta' Settembru 2022 intervjena fil-kawża s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet in rappreżentanza tal-istess Ministeru.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet s-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' esponenti qiegħda tintavola l-kawża odjerna ai termini tal-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) (ir-"**Regolament (UE) 1215/2012"**), bħala "parti interessata", u bħala "persuna li kontra tagħha qed jintalab l-eżekuzzjoni" kif prevvist mill-istess artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, rispettivament;*

    2. *Illi nhar it-tmienja (8) t'April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) is-soċjeta' rikorrenti ġiet innotifikata b'ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza*

*1308/22 mibgħuta mill-intimat li magħha kien hemm anness kopja ta' sentenza tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt, ġewwa l-Awstrija mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 26 CG 7/20f - 16, u datata il-25 ta' Mejju 2021 (is-"**Sentenzi fl-Ewwel Istanza**"), u kopja ta' sentenza tal-Qorti Superjuri Reġjonali ta' Graz li f'appell bin-numru ta' referenza 2 R 146/21i datat 13 t'Awwissu 2021 kkonfermat s-sentenza tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt (kollettivament, is-"**Sentenzi Awstrijaċi**") flimkien ma' traduzzjoni tal-istess sentenzi fil-lingwa Ingliża u l-lingwa Maltija, u l-Anness I maħruġ ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 1215/2012 relattiv għas-Sentenzi fl-Ewwel Istanza (vide "Dok. IU");*

3. *Illi sussegwentament nhar id-dsatax (19) t'April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-intimat nomine intavola mandat ta' sekwestru kontra s-soċjeta' esponenti, liema mandat ġie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-sebgħa w għoxrin (27) t'April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u għandu n-numru ta' referenza 521/2022 (vide "Dok. MA");*

4. *Illi s-soċjeta' esponenti ssostni illi teżisti mankanza proċedurali fl-eżekuzzjoni mill-intimat nomine tas-Sentenzi f'Malta, u dan speċifikament minħabba illi n-notifika tad-dokumenti rikjesti ai termini tal-artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012, ma sarux skond ma jipprovdi r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ir-"**Regolament (KE) 1393/2007**"), u għalhekk n-notifika tad-dokumenti hija invalida u l-mandat ta' sekwestru bin-numru 521/2022 ma setax jinħareġ fuq bażi eżekuttiva; u dan skond dak li jipprovdi l-Artikolu 43(1) tar-Regolament 1215/2012, dan kif ser jiġi ampjament spjegat tul dan ir-rikors u elaborati fil-mori tal-proċeduri.*

5. *Illi di piu fl-umli fehma tas-soċjeta' esponenti r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-Sentenzi f'Malta għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-artikolu 45(1) u l-artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, in kwantu ir-rikonoxximent tagħha ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Malti, u dan għal raġunijiet li ser jiġu ampjament spjegati u elaborati tul dan ir-rikors u fil-mori tal-kawża;*

**I. *<u>Nuqqas t'osservanza tar-Regolament (KE) 1393/2007</u>***

6. *Illi in kwantu d-dokumenti surreferiti u ċioe' s-Sentenzi u l-Anness I relattiv jikkostitwixxu dokumenti ġudizzjarji ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, qua l-Awstrija, in-notifika tagħhom lil persuni f'Malta kellha sseħħ ai termini tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007, u dan kif dettat mis-sub-inċiż (1) tal-artikolu 1 tal-imsemmi Regolament (KE) 1393/2007;*

7. *Illi t-trasmissjoni ta' dokumenti ai termini tal-imsemmi Regolament (KE) 1393/2007 jeħtieġ s-servizz lid-destinatarju (qua l-esponenti) tal-formola standard li tinsab fl-Anness II tal-imsemmi Regolament (KE) 1393/2007, u dan skond dak li jipprovdu s-sub-inċiżi (1) u (4) tal-artikolu 8 tal-istess Regolament (KE) 1393/2007;*

8. *Illi għaldaqstant in-notifika lill-esponenti tad-dokumenti ġudizzjarji mertu tal-kawża odjerna – u ċioe' kopja tas-Sentenzi, t-traduzzjonijiet relattivi, u ċ-ċertifikat relattiv maħruġ ai termini tal-artikolu 53 tar-Regolament (UE) 1215/2012, ma sarux skond dak stipulat fl-artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) 1393/2007, u l-istess notifika hija għalhekk invalida għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;*

9. *Illi b'daqstant isegwi neċessarjament illi l-mandat eżekuttiv li ġie ntavolat mill-intimat nomine u li għandu n-numru ta' referenza 521/2022 ma jirrispekkjax id-dettami tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012 in kwantu intalab qabel ma ċ-ċertifikat maħruġ skond l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 1215/2012 ġie validalment innotifikat lill-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-Sentenzi (qua l-esponenti);*

## II. ***Inkompatibbilta' tas-Sentenzi mal-Istrateġija Pubblika Maltija***

10. *Illi mingħajr preġudizzju għas-surreferit, ir-rikonoxximent tas-Sentenzi f'Malta għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012 minħabba l-fatt li r-rikonoxximent tagħha ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-istat Malti, dan għal diversi raġunijiet li ser jiġu spjegati tul dan ir-rikors u elaborati aħjar fil-mori tal-proċeduri;*

11. *Illi, għall-istess raġunijiet, isegwi li l-infurzar tas-Sentenzi f'Malta għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012;*

12. *Illi f'dan ir-rigward jibda billi jingħad illi l-online gaming (il-logħob tal-azzard online) ġewwa l-Awstrija huwa preżentament soġġett għal restrizzjonijiet sostanzjali għall-kummerċ ħieles; u dan naxxenti mil-liġi Awstrijaka li tirregola l-istess, senjatament il-Glücksspielgesetz ("**GSpG**") li effettivament joħloq monopolju għal-logħob tal-azzard online – u dan kif irrikonoxxut fis-Sentenzi stess (vide paġna 5 minn 7);*

13. *Illi fit-talba tiegħu li wasslet għas-Sentenzi Awstrijaċi, l-intimat Gerhard Posch iddikjara illi kien qed jieħu sehem f'logħob tal-azzard offrut mis-soċjeta' esponenti bejn it-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u d-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fejn għamel*

*telf kumplessiv fl-ammont ta' erbgħin elf ħames mija u sitta w tletin euro w tlieta w erbgħin ċenteżmu (€40,536.43);*

14. *Illi in vista tas-surreferit, il-Qorti tal-oriġini Awstrijaka kkonkludiet illi ammonti mitlufa minn lagħba bħall-intimat Gerhard Posch fuq l-hekk msejjaħ "logħob ipprojbit", setgħu jiġu rikavati lura minnhom. Il-Qorti b'hekk iddeċidiet illi Posch kellu d-dritt li jieħu lura it-telf kollu li sofra fuq is-sit tal-esponenti; bl-ispejjeż u imgħax statutorju;*

15. *Illi tajjeb illi jiġi ssenjalat illi l-esponenti hija entita' liċenzjata mill-Awtorita' Maltija għal-Logħob u detentriċi tal-liċenzji MGA/B2B/475/2018 u MGA/B2C/609/2018, u b'daqstant hija awtorizzata sabiex toffri s-servizzi tagħha għal-logħob tal-azzard minn Malta lil persuni li jaċċessaw is-sit tagħha, inkluż dawk li jinsabu fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea bħal persuni li jinsabu fl-Awstrija – u dan bl-operat tal-Artikolu 56 TFUE;*

16. *Illi inoltre jiġi wkoll issenjalat illi l-esponenti hija soġġetta għal obbligi rigorużi naxxenti mill-qafas legali nostran li jirregola l-logħob tal-azzard, senjatament il-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien ma direttivi, sorveljanza u monitoraġġ tal-Awtorita' Maltija għal-Logħob -li jinkludu wkoll regoli stretti intiżi għall-protezzjoni tal-lagħba u oħrajn li jassiguraw reklamar moderat u addattat, dan kif ser jiġi elaborat fil-mori tal-proċeduri;*

17. *Illi di piu' l-kuntratt bejn il-partijiet kontendenti kien irregolat mit-termini u l-kundizzjonijiet misjuba fuq is-sit tas-soċjeta' esponenti (vide "Dok. TC") li huwa l-uniku ftehim legali vinkolanti bejniethom, li bla tlaqliq jistipula illi;*

    i. *Ir-relazzjoni bejn il-partijiet kontendenti hija rregolata mil-liġijiet ta' Malta;*
    ii. *Il-Qrati ta' Malta għandhom ikollhom ġurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeterminaw kwalunkwe talba, tilwima jew differenza (sic) naxxenti mill-użu tal-pjattaformi tagħha u/jew bejn l-esponenti u l-klijenti tagħha (inkluż l-intimat Gerhard Posch)*

18. *Illi l-liċenzji/a appartenenti lis-soċjeta' esponenti ma timponi ebda restrizzjonijiet fuqha milli tipprovdi s-servizzi tagħha online fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-Awstrija, u, kif ġja senjalat, l-esponenti tagħmel dan fuq is-saħħa u bl-operat tal-Artikolu 56 TFUE, li bħala sors primarju ta' liġi kommunitarja hija regola fundamentali tal-ordni ġuridiku tal-Unjoni Ewropea, u ta' Malta, li tiggarantixxi l-moviment liberu tas-servizzi madwar l-istess Unjoni;*

19. *Illi minn dan il-punt ta' tluq, s-soċjeta' esponenti tisħaq illi r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-Sentenzi ġewwa Malta għandu jiġi rrifjutat minħabba illi imur manifestament kontra l-istrateġija pubblika ("ordre public") ta' pajjiżna, u dan għas-segwenti raġunijiet li ser jiġu hawn elenkati;*

20. *Illi għal kull buon fini, jiġi ri-enfasizzat li l-liġi Awstrijaka li kienet fis-seħħ fiż-żmien tal-fattispecie relattivi għas-Sentenzi, hija bbażata esklussivament fuq deroga tal-Artikolu 56 tat-TFUE in kwantu timponi restrizzjonijiet sostanzjali fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-logħob tal-azzard, u dan kif ser jiġi ampjament evidenzjat fil-mori tal-proċeduri;*

21. *Illi kif jirriżulta paċifikament mill-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("**QĠUE**") tali restrizzjonijiet fuq id-drittijiet fundamentali stabbiliti mit-Trattati tal-Unjoni Ewropea – fosthom fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni Ewropea - huma permissibbli u ġustifikabbli unikament abbażi ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, u b'daqstant kwalunkwe deroga nazzjonali mid-dritt fundamentali kommunitarju tal-liberta' li jiġu provduti servizzi għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza u l-insenjament tal-QĠEU, u ċioe':*

    (i) *Li kwalunkwe miżura nazzjonali li għandha tendenza li tostakola jew tagħmel anqas attrattiv l-eżerċizzju ta' dritt fundamentali garantit mit-trattati – inkluż il-liberta' li jiġu provduti s-servizzi (taħt l-Artikolu 56, TFUE) – għandha tissodisfa erbgħa kundizzjonijiet: għandha tiġi applikata mingħajr diskriminazzjoni; għandha tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali; għandha tkun adegwata sabiex jintlaħaq dak l-għan imfittex; u ma għandhiex tmur lil 'hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dak il-għan permessibbli;*[1]

    *U*

    (ii) *Fis-settur tal-logħob tal-azzard, il-QĠEU tikkunsidra bħala għanijiet aċċettabbli ġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħala dawk li jikkonċernaw il-protezzjoni tar-reċipjent tas-servizzi in kwistjoni, tal-konsumaturi b'mod iktar ġenerali, kif ukoll il-protezzjoni tal-ordni pubblika;*[2]

    *U*

[1] Case C-55/94 *Gebhard*, par. 37; Case C-243/01 *Gambelli*, par. 64-65 u Case C-338/04 *Placanica*, par. 49
[2] Case C-46/08 *Carmen Media*, par. 45

(iii) *Fi kwalunkwe każ, restrizzjonijiet ibbażati fuq tali għanijiet – b'mod partikolari r-regoli għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni restrittiva in kwistjoni – għandha ġenwinament tilħaq l-għan li tnaqqas l-opportunita' għal u tillimita l-attivitajiet fil-kamp t'applikazzjoni b'mod koerenti u sistematiku;*[3]

*U*

(iv) *F'każ fejn Stat Membru jkun addotta leġislazzjoni li tmur kontra l-liberta' li jiġu provduti servizzi kif mħares fl-Artikolu 56 TFUE, kwalunkwe qorti affaċċjata b'analiżi ta' dik ir-restrizzjoni għandha tieħu approċċ dinamiku billi tevalwa l-proporzjonalita' tal-miżura restrittiva nazzjonali u jekk l-implimentazzjoni tagħha hux qed isseħħ b'mod koerenti u sistematiku, mhux biss fil-mument t'adozzjoni, iżda wkoll sussegwentament, fid-data tal-fatti tal-kawża in kwistjoni;*[4]

22. *Illi f'dan l-isfond utli jiġi sottolineat illi l-Istati Membri tal-Unjoni huma liberi jfasslu ir-rekwiżiti tagħhom ta' strateġija pubblika skond il-liġi nazzjonali u l-prinċipji fundamentali rispettivi tagħhom*[5]*;*

23. *Illi inoltre skont l-insenjament ta' sentenzi varji tal-QĠUE*[6]*, u in linea mal-prinċipju bażilari tal-liġi tal-Unjoni Ewropea tas-supremazija tal-liġi tal-Unjoni Ewropea; meta affaċċjati b'każ ta' kunflitt bejn liġi ta' Stat Membru u dik tal-Unjoni Ewropea, il-Qrati tal-ġustizzja tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma obbligati li jagħtu preċedenza lil u li japplikaw l-liġi tal-Unjoni;*

24. *Illi huwa ben saput li l-liġi tal-Unjoni Ewropea tifforma parti integrali mill-korp ġuridiku nostran, li għandu jingħata prevalenza fl-istramaġġorparti tal-każijiet – għajr għal istanzi ta' deroga espressament permessi mill-istess liġi tal-Unjoni jew f'każijiet ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-istati Membri - liema istanzi m'humiex preżenti fil-każ de quo;*

25. *Illi tant hu hekk li l-QĠUE kemm-il darba rrikonoxxiet li l-ksur manifest ta' regola essenzjali tad-dritt fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (u għalhekk ta' Stat Membru) – bħal ma huma paċifikament is-supremazija tal-liġi tal-Unjoni*[7] *u l-liberta' li jiġu provduti s-servizzi*[8] *- jikkostitwixxi motiv għar-rifjut ta' rikonoxximent taħt ir-Regolament (UE) 1215/2012 li jaqa' fl-ambitu' tal-klawżola tal-ordni pubblika stipulata fl-Artikolu 45(1)(a) tal-istess Regolament (UE) 1215/2012*[9] *- u dan naturalment in linea mal-*

---

[3] Ara *Gambelli*, supra, par. 67; *Carmen Media*, supra, par. 65; C-169/07 *Hartlauer*, par. 55; Case C-67/98 *Zenatti*, par.35-36.
[4] Ara Case C-464/15 *Admiral*, par. 30-36.
[5] Ara Case C-681/13 *Diageo*, par. 42
[6] Ara, fost oħrajn, Case 26/62 *Van Gend en Loos;* Case 6/64 *Costa v Enel;* Case 11/70 *Internationale Handellsgesellschaft mbH*; Case 106/77 *Simmenthal SpA;* Case C-106/89 *Marleasing.*
[7] Ibid.
[8] Kif mħares mill-Artikolu 56 TFUE.
[9] Ara, fost oħrajn, C-681/13 *Diageo*, par. 50 u C-559/14 *Rüdolfs Meroni*, par. 46.

*prinċipju ġuridiku kommunitarju suprem magħruf bħala l-prinċipju ta' interpretazzjoni armonjuża tal-liġi tal-Unjoni ("the principle of harmonious interpretation of EU law");*

26. *Illi umilment l-esponenti tissottometti illi l-GSpG tikser regola legali fundamentali tal-Unjoni Ewropea; senjatament l-Artikolu 56 TFUE, dan in kwantu r-restrizzjonijiet imposti mill-istat Awstrijakk fuq il-moviment liberu tas-servizzi in kwistjoni (qua il-logħob tal-azzard), ma hux konformi mar-rekwiżiti stabbiliti u elaborati mill-QĠUE sabiex tali derogi jkunu permissibbli u ġustifikabbli, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

- *Il-logħob tal-azzard fl-Awstrija ma jikkostitwix riskju ġenwin u suffiċjenti għall-interessi fundamentali tas-soċjeta' sabiex jiġġustifika deroga mid-drittijiet fundamentali tat-TFUE, bħal dak imħares mill-Artikolu 56 TFUE;*

- *Ir-restrizzjonijiet imposti mill-imsemmija GSpG ma' jissodisfawx il-kundizzjonijiet li jirriżultaw paċifikament mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-proporzjonalità tagħhom, peress li ma jistgħux jitqiesu bħala xierqa u adegwati sabiex jiggarantixxu li jintlaħaq xi għan ta' interess ġenerali permessibbli, b'tali mod li dak l-għan imfittex jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku, u dan peress li jmorru lil 'hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jilħqu l-għan imfittex;*

- *L-Artikolu 56 TFUE jippreskludi leġiżlazzjoni nazzjonali (bħall-GSpG) li tagħti d-dritt esklużiv biex tmexxi, tamministra, torganizza u topera l-logħob tal-azzard lil impriża waħda meta, minn naħa, din il-leġiżlazzjoni ma tirrispondix realment għar-rieda li jitnaqqsu l-okkażjonijiet ta' logħob u li jiġu limitati l-attivitajiet f'dan is-settur b'mod koerenti u sistematiku, u min-naħa l-oħra; meta l-kontroll strett fuq l-espansjoni tas-settur tal-logħob tal-azzard min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi fl-Istat Membru konċernat (f'dan il-każ, fl-Awstrija) ma jiġix żgurat;*

- *L-istrateġija tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Awstrijakk filfatt jinċitaw u jinkoraġġixxu lill-konsumaturi sabiex jipparteċipaw fil-logħob tal-azzard – sa kemm il-konsumaturi jiksbu dan is-servizz mingħand operaturi li għandhom il-barka tal-istat Awstrijakk – u ċioe' id-detentur tal-monopolju tal-logħob tal-azzard ġewwa l-Awstrija;*

- *L-istrateġija kummerċjali tad-detentur tal-monopolju tal-logħob tal-azzard ġewwa l-Awstrija m'hix maħsuba sabiex tħares oġġettivi li jippermettu deroga mill-Artikolu 56 TFUE in kwantu issegwi strateġija ta' espansjoni kummerċjali aggressiva, li hija intiża primarjament sabiex*

*iżżid d-dħul monetarju tagħha - kif ukoll indirettament, id-dħul pubbliku tal-istat Awstrijakk – inkluż permezz ta':*

i. *reklamar espansiv li jinkoraġġixxi, jħajjar u jistimula it-tendenza naturali tal-konsumaturi sabiex jipparteċipaw fil-logħob tal-azzard, billi inter alia jħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom, jurih f'lenti pożittiva u saħansitra jżid is-saħħa t'attrazzjoni lejh permezz ta' reklamar attraenti li jwiegħed rebħ kbir;*

ii. *espansjoni tal-operazzjonijiet tagħha kemm fir-rigward ta' postijiet u mezzi differenti fejn wieħed jista' jipparteċipa fil-logħob tal-azzard, kif ukoll permezz ta' espansjoni fin-numru u t-tipi differenti ta' logħob tal-azzard offrut;*

- *Il-logħob tal-azzard illeċitu fl-Awstrija ma jikkostitwix problema sinifikanti ta' skala suffiċjenti li tista' tiġġustifika l-istrateġija aggressiva ta' espansjoni reklamattiva u operazzjonali segwita mid-detentur tal-monopolju Awstrijakk tal-logħob tal-azzard;*

- *L-istrateġija aggressiva ta' espansjoni reklamattiva u operazzjonali segwita mid-detentur tal-monopolju Awstrijakk tal-logħob tal-azzard hija għalhekk irrikonċiljabbli ma kwalunkwe oġġettiv ġenwin li jista' jiġġustifika deroga mill-Artikolu 56 TFUE da parti tal-istat Awstrijakk;*

- *Restrizzjonijiet għall-Artikolu 56 TFUE huma xierqa biss f'istanzi fejn ġenwinament u verament jipprovdu sabiex xi għan li jippermetti deroga jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku;*

- *Fir-rigward ta' miżura daqstant restrittiva bħalma huwa monopolju, dak il-għan neċessarjament għandu jkun akkumpanjat mill-implimentazzjoni ta' kuntest leġiżlattiv xieraq sabiex jiżgura li d-detentur tal-imsemmi monopolju jkun kapaċi li jfittex, b'mod koerenti u sistematiku, l-għan hekk stabbilit; permezz ta' offerta kwantitattivament meqjusa u kwalitattivament ippreparata skont l-għan imsemmi, u soġġetta għal kontroll strett min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi – liema kriterji huma paċifikament mhux preżentament sodisfatti fil-kuntest Awstrijakk, u dan kif ser jiġi ampjament elaborat fil-mori tal-proċeduri;*

27. *Illi għaldaqstant isegwi illi in kwantu hija msejjsa primarjament fuq l-imsemmi GSpG, is-Sentenzi hija ugwalment bbażata fuq ksur ta' regola fundamentali tal-ordni ġuridiku Ewropej – senjatament l-artikolu 56 TFUE;*

28. *Illi inoltre, huwa ċar u manifest li l-imsemmija Sentenzi ma segwietx l-insenjament għaqli tal-QĠUE fil-Każ C-464/15*[10]*, meta ddeċidiet illi tibbaża ruħha fuq apprezzamenti magħmula minn Qrati f'sentenzi preċedenti fir-rigward tal-konformita' tal-GSpG mal-liġi tal-Unjoni, minflok ma segwiet l-approċċ dinamiku u evalwat l-proporzjonalita' tal-miżura restrittiva nazzjonali u jekk l-implimentazzjoni tagħha hux qed isseħħ b'mod koerenti u sistematiku fid-data tal-fatti tal-kawża in kwistjoni;*

29. *Illi kif inhu ben saput skond il-ġurisprudenza tal-QĠUE, l-organi kollha tal-Istati Membri, inkluż il-ġudikatura, jistgħu jinsabu illi (u jinżammu responsabbli talli) kkommettew ksur ta' liġi tal-Unjoni;*[11]

30. *Illi b'daqstant, in kwantu illi s-Sentenzi tinvolvi ksur regola essenzjali u fundamentali tal-ordinament ġuridiku Ewropew (u għalhekk tal-ordinament ġuridiku Malti) – u speċifikament l-Artikolu 56 TFUE – għalhekk ir-rikonoxximent tagħha ġewwa Malta għandu jiġi irrifjutat minħabba li r-rikonoxximent tagħhom ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-istat Malti in kwantu ir-rikonoxximent tagħha ikun jeħtieġ l-iskartar tal-prinċipju ta' supremazija tal-liġi tal-Unjoni Ewropea -qua l-Artikolu 56 TFUE - a favur il-liġi Awstrijaka tal-logħob tal-azzard li tikser dak l-istess Artikolu 56 TFUE;*

31. *Illi b'hekk in vista tas-suespost isegwi li r-rikonoxximent tas-sentenza esteri Awstrijaċi tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 26 CG 7/20f – 16 u datata il-25 ta' Mejju 2021 u tal-Qorti Superjuri Reġjonali ta' Graz mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 2 R 146/21i, u datata it-13 t'Awwissu 2021 għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 45(1)(a) tar-Regolament (UE) 1215/2012, dan in kwantu ir-rikonoxximent tal-imsemmija sentenza jkun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat – u ċioe' Malta;*

32. *Illi di piu, u in vista tas-suespost, l-eżekuzzjoni tas-sentenza esteri Awstrijaċi tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 26 CG 7/20f – 16 u datata il-25 ta' Mejju 2021 u tal-Qorti Superjuri Reġjonali ta' Graz mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 2 R 146/21i u datata it-13 t'Awwissu 2021,għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, dan in kwantu l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza jkun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat – u ċioe' Malta;*

[10] Ara Case C-464/15 *Admiral*, par. 30-36.
[11] Ara Case C-224/01 *Köbler*, par. 30-40.

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, s-soċjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalunkwe provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-mandat bin-numru ta' referenza 521/2022 nħareġ bi ksur ta' dak kontenut fl-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012 in kwantu intalab qabel ma ċ-ċertifikat maħruġ skond l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 1215/2012 ġie validalment nnotifikat lill-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenzi esteri Awstrijaċi tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 26 CG 7/20f – 16 u datata il-25 ta' Mejju 2021 u tal-Qorti Superjuri Reġjonali ta' Graz mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 2 R 146/21i u datata it-13 t'Awwissu 2021;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikonoxximent tas-sentenza esteri Awstrijaċi tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 26 CG 7/20f – 16 u datata il-25 ta' Mejju 2021 u tal-Qorti Superjuri Reġjonali ta' Graz mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 2 R 146/21i u datata it-13 t'Awwissu 2021 għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 45(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), dan in kwantu ir-rikonoxximent tal-imsemmija sentenza ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-istat Malti;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza esteri Awstrijaċi tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 26 CG 7/20f – 16 u datata il-25 ta' Mejju 2021 u tal-Qorti Superjuri Reġjonali ta' Graz mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 2 R 146/21i u datata it-13 t'Awwissu 2021 għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), dan in kwantu l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-istat Malti;*

4. *Konsegwentament, tordna lill-intimat joħrog kontro-mandat għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru bin-numru n-numru ta' referenza 521/2022;*

*Bl-ispejjeż, kontra r-rikorrenti nomine u b'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-esponenti kontra r-rikorrenti nomine, inkluż iżda mhux limitatament dawk id-danni li hija intitolata għalihom ai termini tal-Artikolu 279 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Rat illi fis-6 ta' Settembru 2022 l-intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

> 1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' European Lotto and Betting Ltd ("**Rikorrent**") preżentat mir-Rikorrent sabiex jottjeni dikjarazzjoni, ai termini tal-artikolu 45 u artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali ("**Regolament**") fis-sens li Sentenzi mogħtija mill-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt[12] u mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz[13] fir-Repubbllika tal-Awstrija ("**Sentenzi**") m'għandhomx jiġu rikonoxxuti u eżegwiti f'Malta;*
>
> 2. *Illi l-esponent jissottometti umilment li din it-talba tar-Rikorrent hija totalment infondata, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, għas-segwenti raġunijiet;*
>
> ***I. <u>Inkopatibbilita' Tas-Sentenzi ma' l-Ordre Public ta' Malta</u>***
>
> 3. *Illi meta wieħed jaqra l-premessi għat-talba tar-Rikorrent sabiex is-Sentenzi ma jiġux rikonoxxuti u eżegwiti f'Malta, wieħed faċilment jasal għall-konklużjoni li dan ir-rikors ma huwa xejn ħlief tentattiv ta' ritrattazzjoni jew ta' appell minn dik li hija deċiżjoni perfettament leġittima tal-Qorti Awstrijaka mogħtija fil-konfront tar-Rikorrent;*
>
> 4. *Illi għalhekk ir-Rikorrent qiegħed jittanta jottjeni dak li ma rnexxielux jottjeni mill-Qorti Awstrijaka quddiem l-Onorabbli Qrati tagħna filwaqt li jagħmel użu mir-Regolament li huwa intiż sabiex jiffaċilita l-eżekuzzjoni tas-sentenza bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja;*
>
> 5. *Illi fil-fatt ir-Rikorrent jiddedika ħafna ħin jikkritika s-Sentenzi, li taqbel u ma taqbilx magħhom, apparti l-fatt li huma pjenament ġusta, huma ukoll finali u ma jistgħux jiġu ritrattati jew mibdula minn l-Onorabbli Qrati ta' Malta;*
>
> 6. *Illi fl-istess mod, il-kummenti kollha dwar in-natura tas-sistema Awstrijaka, il-monopolju stabbilit f'dak l-Istat u il-mod kif inhuwa applikat fl-Awstrija huma ukoll totalment irrelevanti għal din il-proċedura;*
>
> 7. *Illi jrid jingħad ukoll li kull referenza għall-materji deċiżi mill-Qorti Awsrtijaka, fosthom deċiżjonijiet relattivi għall-dritt Ewropew, għandhom jiġu meqjusa bħala deċiżi u finali u bid-dovut rispett mhux suġġetti għall-iskrutinju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

[12] Sentenza datata 25 ta' Mejju 2021 mogħtija mill-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt, fir-Repubblika tal-Awstrija, r-Rikorrent ġie ordnat iħallas lill-Esponent is-somma ta` erbgħin elf, ħames mija u sitta u tletin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€ 40,536.43c) flimkien ma' imgħaxijiet kalkolati bir-rata ta' erbgħa fil-mija (4%) mis-23 ta' Settembru 2020 sal-pagament effettiv u spejjeż ta' disgħat elef, ħames mija u sebgħa u ħamsin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€ 9,557.56c)

[13] Sentenza datata 13 ta' Awwissu 2021 mogħtija mill-Qorti Superjuri Reġjonali ta' Graz fir-Repubblika tal-Awstrija, bħala Qorti ta' l-Appell, in konnessjoni ma' l-appell mis-sentenza surriferita, r-Rikorrent, ġie ordnat iħallas lill-Esponent is-somma ta` tlett elef, u sebgħa u sittin Euro u żewġ ċenteżmi (€3,067.02c) bħala spejjeż tal-proċeduri ta' l-appell (liema somma tinkludi s-somma ta' ħames mija u ħdax-il Euro u sbatax-il ċenteżmu bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud (€ 511.17c).

8. *Illi minkejja dan ir-Rikorrent jibqa' jinsisti u jargumenta, estensivament, dwar kwistjonijiet li xejn m'għandhom x'jaqsmu mall-preżenti proċeduri u wisq anqas ma' ksur manifest ta' dispożizzjonijiet ta' ordni pubbliku, iżda ħafna aktar ma' ritrattazzjoni jew appell ta' dak li ġie deċiż mill-Qrati Awstrijaci;*

9. *Illi kif, bħala membri tal-Unjoni Ewropeja, ċittadini Maltin għandhom dritt jippretendu, li ai termini tar-Regolament riferit, is-Sentenzi tal-Onorabbli Qrati tagħna jiġu osservati u eżegwiti barra minn xtutna, fl-istess mod l-Istat Malti huwa obbligat li josserva u jeżegwixxu d-deċiżjonijiet tal-Qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja, a tenur tal-istess Regolament;*

10. *Illi kjarament l-ispirtu tar-Regolament mhuwiex li l-Qrati tal-pajjiż fejn tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni jissindikaw il-mertu tad-deċiżjoni li tagħha qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni, u jerġgħu jaqtgħu mill-ġdid il-mertu ta' dik il-kawża. Fil-fatt il-preżenti proċedura hija sempliċi rikors proċedurali u mhux kawża, u wisq anqas appell. Illi permezz tar-rikors de quo, is-soċjeta' rikorrenti qed tittanta terġa' tiftaħ il-mertu tal-kawża ġia deċiża mill-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt u aktar tard ikkonfermata bl-appell mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz u dan bi ksur lampanti tal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 1215/2012, ossia' tal-Brussels Recast li jipprovdi s-segwenti:*

> *"Taħt l-ebda ċirkostanzi, ma tista' tiġi riveduta sentenza mogħtija fi Stat Membru fir-rigward tal-mertu tagħha fl-Istat Membru indirizzat.";*

11. *Illi kif proprju saħqet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-25 ta' Ottubru fl-ismijiet: '**Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bħala mandatarju speċjali tal-assenti Ahmed Shekeb Salem u b'nota tas-16 ta' Marzu, 2009 assuma l-atti bħala prokuratur Dottor Raymond Zammit u b' nota ta' l-24 ta' Novembru, 2009 Dottor Kevin Camilleri Xuereb assuma l-atti flok Dottor Ray Zammit bħala mandatarju speċjali ta' l-assenti Ahmed Shekeb Salem v. Laferla Insurance Agency Limited li magħha ngħaqdet is-soċjeta' Laferla Insurance Brokers Limited**':*

> *"Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terġa' tiftaħ il-meritu tal-kwistjoni partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tgħaddi ġudizzju fuq il-kompatibbilita' tal-liġi estera mal-Ordinament Ġuridiku Malti u lanqas li tqabbel il-liġi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li teżegwixxi sentenza ta' pajjiż li għandu liġijiet differenti minn ta' Malta. Il-prinċipju internazzjonali ta' "comity of nations" ma jippermettix dan, .... Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-liġi estera, tkun kuntrarju għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta, li Qorti lokali tista' tirrifjuta li teżegwixxi dik is-sentenza estera.*
>
> *[...]*

*Fil-fatt, il-ġurista Luigi Mattirolo, ("Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiana", Vol.VI, 4a ed, Torino 1898 p. 942) jgħid li f'tali proċedura, il-Qorti: "non e' chiamata ad esaminare e rivedere il merito della causa, e molto meno a riparare la sentenza estera che le apparisca contraria a giustizia, ma solo ad esaminare se la sentenza straniera abbia le condizioni necessarie perche' le si possa accordare forza esecutiva nel nostro territorio. Adunque il giudizio di delibazione e' un giudizio sui generis, straordinario, cost' per riguardo al magistrato davanti a cui si svolge in primo ed ultimo grado,come periconfini limitati entro i quali debbe strettamente contenersi l'esame dell'autorita' giudicante."*

*[...]*

***Mhux kull liġi Maltija trid bilfors tkun rispettata mill-Qrati esteri**. F'kawża oħra Ingliża, Scarman J. qal li "an English Court will refuse to apply a law which outrages its sense of justice and decency" ("In the Estate of Fuld (No, 3)" 1968). **Il-fatt li pajjiż esteru għandu prinċipji ta' dritt differenti minn dawk lokali ma jtellfux mill-enforzar tagħha, sakemm ma jolqtux is-sens ta' ġustizzja ta' dak il-pajjiż.**"*

12. *Illi kif ġie ritenut fil-Qorti tal-Appell f'sentenza datata 10 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **'Schoeller International GMBH kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha Dottor Louis Cassar Pullicino v. Mario Ellul, Modern Plastic Containers Ltd., Modern Crown Stoppers Co. Ltd., Modern Buttons Ltd., Modern Blow & Packaging Ltd., Sandmar Ltd., u Waste Control Services Ltd**:*

   *"Sentenza ma titqiesx li tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta għar-raġuni biss illi, li kieku nstemgħet u nqatgħet hawn Malta, kienet tinqata' mod ieħor; tmur kontra l-ordni pubbliku jekk toħloq konflitt ma' dawk il-prinċipji ewlenin ta' l-ordni ġuridiku li huma l-qofol tas-sistema legali billi jħarsu l-valuri l-aktar fondamentali tas-soċjeta' fejn ikun fis-seħħ dak l-ordni.*

   *F'dan il-kuntest din il-Qorti, pero', tħoss li għandu jiġi osservat li meta ssir talba għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indaġini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun konċernata bil-mertu tal-proċeduri quddiem il-qorti estera li wassal għal dik is-sentenza għax altrimenti l-qorti li tkun ġiet mitluba li tagħti eżekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kinux intiżi [bil-liġi]."*

13. *Illi fis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta fit-18 ta' Marzu 2021 fi-ismijiet: **'Avukat Dottor Carl Grech noe. vs HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)'** il-Qorti kkonfermat dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fit-30 ta' Ottubru 2015 fil-kawża fl-ismijiet **Johann Romano Baldacchino et v. Ghazi Haigaz Kaskanian** fejn ingħad:*

*"Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terġa' tiftaħ il-meritu tal-kwistjoni deċiża bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tgħaddi ġudizzju fuq il-kompatibbilita' tal-liġi estera mal-Ordinament Ġuridiku Malti u lanqas li tqabbel il-liġi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li teżegwixxi sentenza ta' pajjiż li għandu liġijiet different minn ta' Malta. Il-prinċipju internazzjonali ta' "comity of nations" ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-liġi estera, tkun kuntrarju għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta, li Qorti lokali tista' tirrifjuta li teżegwixxi dik is-sentenza estera."*

14. *Illi l-preżunzjoni hi u dejjem għandha tkun, li sentenza leġittima mogħtija minn Qorti ta' Stat Membru hija valida u enforzabbli awtomatikament hawn Malta sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, ħaġa li f'dan il-każ ma seħħitx u għalhekk il-miżuri previsti mill-artikoli 44(1) (a) u (c) ma jiskattawx;*

15. *Illi fil-fatt, fl-ebda mod ma jissussistu l-kriterji stabbiliti mill-artikolu 45(1)(a) tar-Regolament li jikkontempla r-rifjut tar-rikonoxximent ta' sentenza jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat;*

16. *Illi dwar dan il-punt jeżistu diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea li jistabilixxu li l-interpetazzjoni mogħtija għandha tkun waħda ristretta u li dan l-artikolu għandu jiġi interpretat fl-aktar mod dejjaq possibbli stante li, kjarament, ir-regola għandha tkun ta' rispett u applikazzjoni reċiproka tas-sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-pajjiżi membri;*

17. *Illi għalhekk il-leġiżlatur jikkwalifika r-rekwiżit bil-kelma "manifestament" sabiex jissottolinea l-fatt li l-ksur irid ikun wieħed grossolan u lampanti. Illi f'dan il-każ, mhux talli l-ksur mhuwiex manifest, talli m'hemm ebda ksur;*

18. *Illi fost is-sentenzi relevanti li jittrattaw din il-materja insibu s-segwenti:*

***<u>28 Marzu 2000 -Krombach v Bamberski (C-7/98)</u>***

*[par 21] -"Għal dak li jikkonċerna l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li dan għandu jiġi interpretat b'mod strett peress li jikkostitwixxi ostaklu għat-twettiq ta' l-għanijiet fundamentali tal-Konvenzjoni (sentenza Solo Kleinmotoren, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20). Fir-rigward, b'mod iktar preċiż, ta' l-użu tal-klawsola ta' l-ordni pubblika prevista fil-punt 1 ta' l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan għandu jsir biss f'każijiet eċċezzjonali" (sentenzi tal-4 ta' Frar 1988, Hoffmann, 145/86, Ġabra p. 645, punt 21, u ta' l-10 ta' Ottubru 1996, Hendrikman u Feyen, C-78/95, Ġabra p. I-4943, punt 23).*

*[par 37] -"Jista' jsir rikors għall-klawsola ta' l-ordni pubblika prevista fil-punt 1 ta' l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni, fil-każ biss li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fi Stat Kontraenti ieħor jolqtu s-sistema legali ta' l-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza b'mod*

*inaċċettabbli, peress li jikser prinċipju fundamentali. Sabiex tiġi mħarsa l-projbizzjoni tar-reviżjoni tal-mertu ta' sentenza mogħtija minn qorti barranija, il-ksur għandu jikkostitwixxi vjolazzjoni manifesta ta' regola tad-dritt ikkunsidrata bħala essenzjali fis-sistema legali ta' l-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ta' dritt rikonoxxut bħala fundamentali f'din is-sistema legali".*

***2 Mejju 2006 - Eurofood IFSC Ltd (C-341/04)***

*[par 62] – "Fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Brussell, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-klawżola ta' l-ordni pubbliku, li tidher fl-Artikolu 27(1) ta' din il-Konvenzjoni, inkwantu tikkostitwixxi ostakolu għall-kisba ta' wieħed mill-għanijiet fundamentali tagħha, jiġifieri li tiffaċilita l-moviment ħieles tas-sentenzi, ma tistax tintuża ħlief f'każijiet eċċezzjonali" (is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2000, Krombach, C-7/98, Ġabra p. I-1935, punti 19 u 21).*

*11 ta' Mejju 2000 Regie Nationale des Usines Renault SA vs Maxicar SpA Orazio Formento (38/98) (mhux disponibbli bil-Malti):*

*"33 The court of the State in which enforcement is sought cannot, without undermining the aim of the Convention, refuse recognition of a decision emanating from another Contracting State solely on the ground that it considers that national or Community law was misapplied in that decision. On the contrary, it must be considered whether, in such cases, the system of legal remedies in each Contracting State, together with the preliminary ruling procedure provided for in Article 177 of the Treaty, affords a sufficient guarantee to individuals.*

*34 Since an error of law such as that alleged in the main proceedings does not constitute a manifest breach of a rule of law regarded as essential in the legal order of the State in which enforcement is sought, the reply to the third question must be that Article 27, point 1, of the Convention must be interpreted as meaning that a judgment of a court or tribunal of a Contracting State recognising the existence of an intellectual property right in body parts for cars, and conferring on the holder of that right protection by enabling him to prevent third parties trading in another Contracting State from manufacturing, selling, transporting, importing or exporting in that Contracting State such body parts, cannot be considered to be contrary to public policy."*

***28 ta' Marzu 2000 -Krombach vs Bamberski***

*[Par 36] "Jeħtieġ li jiġi rrilevat li, billi jipprojbixxu r-reviżjoni tal-mertu ta' sentenza mogħtija minn qorti barranija, l-Artikolu 29 u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni, jipprojbixxu lill-qorti ta' l-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza milli tirrifjuta li tirrikonoxxi jew teżegwixxi din is-sentenza unikament minħabba li tkun teżisti differenza bejn ir-regola tad-dritt applikata mill-qorti ta' l-Istat ta' oriġini u dik li kienet tapplika l-qorti l-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza kieku ġiet adita bil-kawża. Bl-istess mod, il-Qorti ta' l-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza ma tistax tivverifika l-eżattezza ta' l-*

*evalwazzjonijiet ta' dritt u ta' fatt li jkunu saru mill-qorti ta' l-Istat ta' oriġini.*

*[Par 37] Jista' jsir rikors għall-klawsola ta' l-ordni pubblika prevista fil-punt 1 ta' l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni, fil-każ biss li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fi Stat Kontraenti ieħor jolqtu s-sistema legali ta' l-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza b'mod inaċċettabbli, peress li jikser prinċipju fundamentali. Sabiex tiġi mħarsa l-projbizzjoni tar-reviżjoni tal-mertu ta' sentenza mogħtija minn qorti barranija, il-ksur għandu jikkostitwixxi vjolazzjoni manifesta ta' regola tad-dritt ikkunsidrata bħala essenzjali fis-sistema legali ta' l-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ta' dritt rikonoxxut bħala fundamentali f'din is-sistema legali".*

***Hoffman (C-145/86)*** *Opinion of Advocate General Darmon: [par 21] "it cannot be for the court before which enforcement is sought to determine the practical effects of a judgment which has been recognized; it must confine itself to authorizing or refusing its enforcement".*

***The Jenard Report*** *(Mr P Jenard) Report on the Convention on jurisdiction and the enforcement of judgments in civil and commercial matters (Signed at Brussels, 27 September 1968) (mhux disponibbli bil-Malti)*

*[pg.44] – [...] "public policy is not to be used as a means of justifying refusal of recognition on the grounds that the foreign court applied a law other than that laid down by the rules of private international law of the court in which the recognition is sought.*

*The wording of the public policy provision is similar to that adopted in the most recent conventions [1], in that it is made clear that there are grounds for refusal, not of the foreign judgment itself, but if recognition of it is contrary to public policy in the State in which the recognition is sought. It is no part of the duty of the court seized of the matter to give an opinion as to whether the foreign judgment is, or is not, compatible with the public policy of its country. Indeed, this might be taken as criticism of the judgment. Its duty is rather to verify whether recognition of the judgment would be contrary to public policy".*

19. *Illi l-akkademiku* ***Tomaz Kerestes*** *fix-xogħol tiegħu intitolat '**Public Policy in Brussels Regulation I: Yesterday, Today and Tomorrow**'[14] jgħid:*

*"First, it should be stressed that public policy considered in the Brussels I Recast is a special type of public policy or "ordre public". It is an international public policy (ordre public international) that does not cover all "jus cogens". However, neither in case law nor in literature we can find a full definition of public policy (substantive or procedural). As of procedural public policy we can ascertain that in includes those fundamental principles and institutes of civil procedure without which there can be no democratic court procedure or rule of law (Kramberger, 2005: 255). Even more dim is the notion of substantive public policy. It is*

[14] LEXONOMICA, (2016) Vol. 8,No. 2, pg. 79

*clear that (international) public policy does not include all "jus cogens" as not all internally mandatory rules are appropriate to be applied in international environment. Only the most fundamental rules of "jus cogens" that form the essence of certain legal order can be applied in international environment. Such rules are the constitutional provisions, basis principles of national and EU law, European Human Rights principles (European Convention on Human Rights and Fundamental Freedoms – ECHR). Some authors also include customary international law, vital interests of a state etc."*

20. *Illi l-esponent Posch tilef ammont sostanzjali ta' flus waqt li kien f'pajjiżu, l-Awstrija, minkejja li jeżistu restrizzjonijiet kif isir l-logħob tal-azzard fl-istess pajjiż. Illi dawn il-flus Posch tilifhom ukoll bħala riżultat ta' dipendenza li għandu fuq il-logħob li s-sistema legali ta' pajjiżu tipproteġieh minnha b'mod aktar strett mis-sistema legali Maltija.*

21. *Illi l-fatt li l-leġiżlatur tagħna ma jipprovdix għal din il-protezzjoni f'pajjiżna fl-istess mod u joffri eżenzjoni minn ċerti dispożizzjonijiet ta' liġi, ċertament ma joħloqx prinċipji ta' ordni pubbliku tant manifesti li jistgħu iwaqqfu l-eżekuzzjoni tas-Sentenzi;*

22. *Illi l-fatt biss li l-leġiżlatur għoġbu joħloq dispożizzjoni, applikabbli biss lokalment, li tgħid li ċerti artikoli ma japplikawx kontra l-operaturi in kwistjoni ma jfissirx li din hija dispożizzjoni ta' ordni pubbliku jew li l-operaturi huma liberu li jiksru d-dispożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra. Din tfisser biss li jekk l-operaturi jridu jistgħu jissollevaw din id-difiża jekk tinġieb l-azzjoni prevista minn dawn l-artikoli;*

***II. <u>Regolament (KE) 1393/2007</u>***

23. *Illi r-Rikorrent fir-rikors tiegħu isemmi ukoll allegat ksur tar-Regolament (KE) 1393/2007 Tal-Parlament Ewropew u Tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (minn issa "**Regolament 1393/2007**");*

24. *Illi minkejja li s-Sentenzi ġia kienet ġiet notifikata lir-Rikorrent fil-3 ta' Awwissu 2021 (ara sezzjoni 4.5.1 taċ-ċertifikati mehmużin ma' l-ittra uffiċjali ppreżentata mill-esponent, annessa u mmarkata bħala Dok IU mar-rikors intavolat mir-Rikorrenti), l-Esponent, ex abbondante cautela, xorta reġa' nnotifika lis-soċjeta rikorrenti bis-sentenza li hija ben konsapevoli minnha, f'lingwa li hija familjari magħha ai termini tal-artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012, li inter alia jistipula li "Meta tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53 għandu jkun notifikat lill-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun akkumpanjat mis-sentenza**<u>, jekk din ma tkunx diġà ġiet innotifikata lil dik il-persuna." (enfażi tal-esponenti).</u>***

25. *Illi għalhekk huwa ċar li r-Rikorrent verament qiegħed ikun frivolu meta jipprova jinsinwa nuqqas fin-notifika billi huwa ċar li n-notifika tas-sentenza, li f'kull każ ma kenitx neċessarja, stante li s-sentenza ġia kienet ġiet notifikata lir-rikorrent, saret pjenament ai termini tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012;*

26. *Illi huwa dan ir-Regolament li jirregola r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali u mhux ir-regolament (KE) 1393/2007;*

27. *Illi dan huwa aktar u aktar ovvju meta wieħed iqis ukoll li l-artikolu 8 jimponi l-obbligu fuq l-"aġenzija riċeventi" u l-"aġenżiji li jibagħtu", u mhux fuq l-individwu, meta f'dan il-każ l-aġenziji mhumiex involuti stante li n-notifika mhijiex issir ai termini tar-Regolament 1393/2007, liema regolament jipprevedi l-involviment ta' aġenziji għan-notifika ta' atti ġudizzjarji ta' proċeduri li jkunu għadhom mhumiex deċiżi;*

28. *Illi għalhekk din l-eċċezzjoni hija infondata, meta tqis li r-rekwiżiti kollha tar-Regolament 1215/2012, ossia r-regolament pertinenti fil-materja tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi fi stati membri, ġew osservati kollha u tirrażenta l-frivolu meta tqis li r-Rikorrent ġia kien ġie notifikat bis-sentenza u fi kwalunkwe każ ingħata d-dokumenti kollha meħtieġa, inkluża t-traduzzjoni ċertifikata tas-sentenza;*

29. *Illi l-esponent ma kellu ebda obbligu jenforza s-sentenzi Awstrijaċi f'Malta u għalhekk l-obbligu ta' notifika hija imposta fuq l-Esponent stess u mhux fuq xi awtorita' tal-Pajjiż Membru. M'hemm bżonn ta' ebda awtorita' f'dan ir-rigward. In-notifika tas-sentenzi Awstrijaċi u taċ-ċertifikati ta' infurzar saret fil-konfront tar-Rikorrent mill-Esponent biex l-infurzar isir ai termini tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012, speċifikament artikolu 43 tal-istess ċitat iktar 'il fuq;*

30. *Illi l-fatt li r-Rikorrent qed isemmi din il-liġi, li kjarament mhijiex intiża biex tirregola l-proċeduri odjerni, huwa sintomatiku ta' l-intenzjoni tar-Rikorrenti li jiżvijja din l-Onorabbli Qorti u jaħli iktar ħin u riżorsi tal-partijiet konċernati;*

## ***III. <u>Il-Liġi Applikabbli Għall-Kuntratt</u>***

31. *Illi r-Rikorrent f'paragrafu 17 tar-rikors tiegħu isemmi li l-ftehim mal-Esponent huwa regolat mil-liħi Maltija skond il-kuntratt ta' bejn il-partijiet. Dan huwa eżempju ċar ta' kif ir-Rikorrent qiegħed jipprova jwassal lil din l-Onorrorabbli Qorti sabiex terġa' tikkunsidra materja li gia ġiet determinata minn Qorti oħra. Fil-fatt dan huwa punt ta' sustanza li ġia ġie determinat u li għandu jitqies bħala res judicata. Illi fil-fatt ir-Regolament jistipula b'mod ċar u inderogabbli dawk li huma r-raġunijiet li abbażi tagħhom ir-Rikorrent jista' jitlob lill-Qorti biex tirrifjuta r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza estera. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tillimta ruħha għall-argument tal-Ordre Public biss, kif stripulat espliċitament fir-Regolament 1215/2012. Minkejja dan, u għall-grazzja tal-argument, il-klawżola li tassenja l-liġi Maltija bħala l-*

*liġi applikabbli hija waħda li tmur kontra r-Regolament 593/2008 Tal-Parlament Ewropew u Tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (minn issa "**Regolament Ruma I**"), u għalhekk għandha titqies li hija nulla għal iktar minn raġuni waħda, kif ser jiġi spjegat ampjament;*

32. *Illi l-ewwelnett r-Regolament Ruma I jgħid f'artikolu 6(1) illi kuntratt bejn konsumatur u persuna li taġixxi fl-eżerċizzju tas-sengħa jew professjoni tagħha (minn issa "**Professjonist**") "għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, bil-kondizzjoni li:*

    a. *il-professjonist jeżerċita l-attivitajiet kummerċjali jew professjonali tiegħu fil-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, jew*
    b. *bi kwalunkwe mezz, jindirizza dawn l-attivitajiet lejn dak il-pajjiż jew lejn diversi pajjiżi inkluż dak il-pajjiż."*

33. *Illi għalkemm ir-Regolament Ruma I f'artikolu 3 iħalli, f'ċerti istanzi, l-partijiet jagħżlu liġi oħra biex tapplika għall-kuntratt, f'artikolu 6(2) jkompli billi jgħid "Minkejja l-paragrafu 1, il-partijiet jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli għal kuntratt li tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1, skond l-Artikolu 3. **Tali għażla, madankollu, ma tistax twassal sabiex iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija lilu minn dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu derogati bi ftehim taħt il-liġi li, fin-nuqqas ta' l-għażla, kienet tkun applikabbli abbażi tal-paragrafu 1**" (ċioe l-liġi tal-Awstrija);*

34. *Illi peress li l-liġi tal-Awstrija hija daqshekk stretta fejn jidħol il-logħob tal-azzard, wieħed neċessarjament għandu jqis tali liġijiet bħala "dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu derogati bi ftehim" u għalhekk l-għażla tal-liġi ma tistax ma titqiesx bħala waħda li mhijiex konformi mal-liġi kemm Awstrijaka kif ukoll mar-Regolament Ruma I. Għalhekk, fuq dan il-punt ewlieni, l-klawsola tal-għażla tal-liġi fil-kuntratt bejn l-Esponent u r-Rikorrent, għandha titqies nulla u bla effett u awtomatikament, skond l-istess Regolament Ruma I, il-liġi applikabbli għall-kuntratt hija l-liġi Awstrijaka;*

35. *Illi apparti minn hekk, dwar tali għażla tal-ligi applikabbli, r-Regolament jgħid kjarament f'artikolu 6(3) illi "Jekk ir-rekwiżiti fil-paragrafu 1(a) jew (b) ma jiġux sodisfatti, il-liġi applikabbli għal kuntratt bejn konsumatur u professjonist għandha tiġi determinata skond l-Artikoli 3 u 4." Hawnhekk il-ligi b'mod ċarissimu qed tistabilixxi li, l-għażla tal-liġi f'kuntratt ma' konsumatur tapplika meta "ir-rekwiżiti fil-paragrafu 1(a) **jew** (b) **ma jiġux sodisfatti**". Dawk iż-żewġ rekwiżiti (li huma alternattivi u mhux kumulattivi) ċitati iktar il-fuq, it-tnejn li huma japplikaw b'mod speċjali r-rekwiżit ta' paragrafu (b) li nistgħu ngħidu faċilment li japplika b'mod indisputabbli. Din hija raġuni separata oħra għalfejn il-klawsola tal-għażla tal-liġi fil-kuntratt bejn l-Esponent u r-Rikorrent, għandha titqies nulla u bla effett;*

36. *Illi barra mill-fuq imsemmi, il-liġijiet Awstrijaċi relevanti, għandhom jitqiesu ukoll bħala Dispożizzjonijiet Obbligatorji Prevalenti, u dwar dawn it-tip ta' dispożizzjonijiet, ir-Regolament Ruma I f'artikolu 9(1) jgħid hekk: "Id-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti huma dispożizzjonijiet li r-rispett tagħhom huwa meqjus bħala kruċjali minn pajjiż għas-salvagwardja ta' l-interessi pubbliċi tiegħu, bħall-organiżazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, tant li dawn ikunu applikabbli fi kwalunkwe sitwazzjoni li taqa' fl-ambitu tagħhom, irrispettivament mil-liġi applikabbli għall-kuntratt skond dan ir-Regolament". Artikolu 9(2) ikompli billi jgħid "Xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jirrestrinġi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti tal-liġi tal-forum" (ċioe l-Awstrija). Finalment Artikolu 9(3) jgħid espliċitament illi "Jista' jingħata effett lid-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti tal-liġi tal-pajjiż fejn l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-kuntratt jkunu jridu jitwettqu jew ikunu twettqu, **sa fejn dawn dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti jagħmlu illegali t-twettiq tal-kuntratt**." Din hija t-tielet raġuni separata li abbażi tagħha l-klawsola tal-għażla tal-liġi fil-kuntratt bejn l-Esponent u r-Rikorrent, għandha titqies nulla u bla effett. Oltre dan, tant huma ta' natura importanti dawn l-imemmija liġijiet Awstrijaċi illi, kif iddikjara korrettement ir-Rikorrent stess fir-rikors tiegħu, dawn il-liġijiet huma bbażati fuq deroga tal-Artikolu 56 tat-TFUE[15] u huwa impliċitu għalhekk illi deroga minn tali artikolu ma tistax titqies bħala ksur tal-imsemmi artikolu. Huwa punt stabbilit illi derogi ta' din in-natura jingħataw biss għal raġunijiet validissimi u ma jiġux awtorizzati mill-Unjoni Ewropea kif ġie ġie;*

37. *Illi għalhekk, kif ġie ampjament spjegat, hemm iktar minn raġuni waħda taħt ir-Regolament Ruma I, li tirrendi l-klawsola tal-għażla tal-liġi fil-kuntratt bejn l-Esponent u r-Rikorrent, nulla u bla effett u awtomatikament, skond l-istess Regolament Ruma I, il-liġi li bla ebda dubju għandha tapplika għal tali kuntratt hija l-liġi Awstrijaka;*

38. *Illi huwa għalhekk ċar li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Qorti Awstrijaka hija pjenament leġittima u enforzabbli f'Malta billi ma tikser l-ebda dispożizzjoni tal-liġi Maltija li hija ta' ordni pubbliku u ma tmurx kontra l-ordni pubbliku;*

39. *Illi, barra minn hekk, ir-Regolament f'artikolu 45(3) jgħid ċar u tond illi, "**il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-oriġini ma tistax tiġi riveduta**";*

40. *U għalhekk ukoll ċar li t-talba odjerna mhijiex sostenibbli u għandha tiġi miċħuda;*

*Għaldaqstant l-Esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi provvediment ulterjuri li jidhrilha xieraq tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mid-soċjeta' rikorrenti fuq l-atti msemmija, ossija:

[15] TRATTAT DWAR L-UNJONI EWROPEA

- Dok. IU – Kopja tal-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 1308/22;
- Dok. MA – Kopja tal-mandat ta' sekwestru bin-numru ta' referenza 521/2022;
- Dok. TC – Kopja tat-termini ta' servizz misjuba fuq is-sit tas-soċjeta' esponenti.

4. Rat ir-rikors tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob datat 5 ta' Lulju 2022 fejn talbet sabiex tintervjeni fil-proċedura in statu et terminis stante illi r-rekwiżiti tal-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti.

5. Rat ir-rikors tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet in rappreżentanza tal-istess Ministeru datat 30 ta' Awwissu 2022 fejn talab sabiex jintervjeni fil-proċedura *in statu et terminis* stante illi r-rekwiżiti tal-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti.

6. Rat illi din il-Qorti permezz ta' digriet datat 6 ta' Settembru 2022 laqgħet it-talba tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet in rappreżentanza tal-Ministeru sabiex jintervjeni fil-kawża.

7. Rat illi din il-Qorti permezz ta' digriet datat 26 ta' Settembru 2022 laqgħet it-talba tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob sabiex tintervjeni fil-kawża.

8. Rat ir-rikors tal-intimat ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu talab sabiex din il-Qorti tawtorizzah jappella mid-digriet datat 26 ta' Settembru 2022 u dan ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12.

9. Rat illi permezz ta' digriet datat 6 ta' Ottubru 2022 din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-intimat Gerhard Posch magħmula fil-5 ta' Ottubru 2022.

10. Rat ir-rikors tal-intimat Gerhard Posch ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2023 fejn talab lil din il-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tordna r-referenza ta' numru ta' mistoqsijiet indikati fl-istess rikors lill-Onorevoli Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea in konnessjoni mal-Artkolu 56A tal-Kap 583.

11. Rat ir-risposta tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata fil-25 ta' Settembru 2023 u r-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob ippreżentata fl-20 ta' Novembru 2023, liema risposti kienu għar-rikors tal-intimat Gerhard Posch.

12. Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2023 saret trattazzjoni da parte tal-avukati tal-partijiet.

13. Rat illi din il-Qorti permezz ta' digriet data 31 ta' Jannar 2024 ċaħdet it-talba tal-intimat Gerhard Posch, fejn qalet is-segwenti:

> *Peress illi dak mitlub hija interpretazzjoni ta' liġi li la huwa Trattat tal-Unjoni Ewropea u wisq anqas att ta' Istituzzjoni jew Entita' tal-Unjoni Ewropeja, kif tipprovdi l-istess Art 267, iżda hija liġi promulgata minn stat sovran, tali kwistjonijiet għandhom jibqgħu u jkunu esklussivament interpretati mill-Qrati nostrana.*

**Provi**

14. Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata fid-19 ta' Settembru 2022, kontenenti l-'*End User Licence Agreement*' fejn hemm indikati t-termini tas-servizz misjuba fuq is-sit tal-istess rikorrenti (fol 113-170).

15. Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata fit-12 ta' Diċembru 2022, kontenenti żewġ rapporti: wieħed iffirmat mill-**Prof. Dr Thomas Jaeger** u ieħor iffirmat mill-**Prof. Dr Rudolf Streinz** u **Dr Walther Michl** (fol 178-288).

16. Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata fit-12 ta' Diċembru 2022, kontenenti l-affidavit ta' **Cormac Thomas O'Brien** (fol 289-292), direttur tas-soċjeta' rikorrenti.

17. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Carl Brincat**, bħala Chief Executive Officer tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob, mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2023 u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata minnu (fol 295-446).

18. Semgħet ix-xhieda ta' **Thomas Forstner**, Segretarju Ġenerali tal-Austrian Association for Online Betting and Gambling, mogħtija, permezz ta' video conferencing fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2023 (fol 447-450 et seq).

19. Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata fil-15 ta' Marzu 2023, kontenenti l-opinjoni legali ta' **Mag. Nicholas Aquilina** u **Mag. Patrick Mittlböck** (fol 451-481).

20. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Mario Vassallo**, lettur u Kap tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika ġewwa l-Universita' ta' Malta, mogħtija fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023 (fol 483-487).

21. Rat in-nota tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob ippreżentata fis-16 ta' April 2024 li permezz tagħha ġiet eżebita vera kopja tal-Opinjoni tal-**Professur Dr Daniel Sarmiento** (fol 544-591).

22. Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata fis-26 ta' April 2024 li permezz tagħha ġew eżebiti numru ta' dokumenti (fol 592-842 et seq).

    1. Dokument b'estratti minn dibattiti parlamentari relatati mas-settur tal-logħob tal-azzard u r-regolamentazzjoni tiegħu mis-sena 1923 sas-sena 2023 akkumpanjat b'nota deskrittiva u mmarkat bħala "Dok. DP" ;

    2. Kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza C-920/19 u datata 18 ta' Mejju 2021 immarkat bħala "Dok. FF";

    3. Kopja ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' l-Awstrija mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza G 259/2022-16 u datata 14 ta' Diċembru 2022 immarkata bħala "Dok. QKA";

    4. Opinjoni legali rigward rimedji legali u l-probabbilta' ta' suċċess fi proċeduri relatati mar-rifużjoni tat-telf ta' ġugaturi fil-Qrati ta' l-Awstrija ta' **Mag. Patrick Mittlböck** immarkat bħala "Dok. BT2";

23. Rat l-affidavit ta' **Dr Gerhard Strejcek** ippreżentat minn Gerhard Posch fit-2 ta' Mejju 2024 (fol 843-879 et seq).

24. Rat l-affidavit ta' **Mag Ulrich Salburg** ippreżentat minn Gerhard Posch fit-2 ta' Mejju 2024 (fol 843-879 et seq).

25. Rat in-nota tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ekonomija, l-Fondi Ewropej u l-Artijiet ippreżentata fis-27 ta' Mejju 2024 kontenenti l-affidavit tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi **Ronald Mizzi** u l-affidavit tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ **Christopher Cutajar** u rat id-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit ta' Christopher Cutajar (fol 880-917).

26. Semgħet ix-xhieda tal-intimat **Gerhard Posch** mogħtija permezz ta' video conferencing fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2024 (fol 919-920 et seq).

27. Rat l-affidavit tal-intimat Gerhard Posch ippreżentata fl-4 ta' Ġunju 2024 (fol 921-923).

28. Semgħet ix-xhieda tal-**Mgt. Ulrich Salburg** mogħtija permezz ta' video conferencing fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2024 (fol 924-933 et seq).

29. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Mario Vassallo**, mogħtija fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2024 (fol 934-936 et seq).

30. Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2024, il-Qorti awtorizzat lill-partijiet illi la darba jsiru l-kontro-eżamijiet meħtieġa, l-partijiet ikunu jistgħu jibdew jagħmlu s-sottomissjonijiet bil-mikub.

31. Rat ix-xhieda mogħtija permezz ta' video conferencing mill-intimat **Gerhard Posch** quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Elena Naudi Depasquale fl-24 ta' Lulju 2024 (fol 959-962).

32. Rat ix-xhieda mogħtija permezz ta' video conferencing minn **Patrick Mittlböck** quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Elena Naudi Depasquale fl-24 ta' Lulju 2024 (fol 963-970).

33. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob fit-18 ta' Settembru 2024 (fol 972-1040).

34. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjeta' rikorrenti fid-19 ta' Settembru 2024 (fol 1041-1096).

35. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ekonomija, l-Fondi Ewropej u l-Artijiet in rappreżentanza tal-istess Ministeru ppreżentata fil-25 ta' Settembru 2024 (fol 1097-1107).

36. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-intimat fit-12 ta' Novembru 2024 (fol 1109-1138).

37. Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2024 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-Każ**

38. Jirriżulta illi fit-8 ta' April tas-sena 2022 is-soċjeta' rikorrenti ġiet notifikata b'ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 1308/2022 mibgħuta mill-intimat Gerhard Posch kif

rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Damien Degiorgio, liema ittra uffiċjali tinsab inserita fil-proċess a fol 16-75.

39. Jirriżulta illi mal-ittra uffiċjali surreferita ġew annessi kopja taċ-ċertifikat maħruġ mill-Qorti ġewwa l-Awstrija ossia Landesgericht Klagenfurt ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012 fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża kif ukoll kopja tas-sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti fit-25 ta' Mejju 2021 bin-numru ta' referenza 26Cg 7/20f-16, liema sentenza kienet fil-lingwa Ġermaniża u f'dik Maltija. In oltre, kien hemm ukoll anness kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz bħala Qorti tal-Apell fit-13 ta' Awwissu 2021 bin-numru ta' referenza 2 R 146/21i, bil-lingwa Ġermaniża kif ukoll tradotta għall-Malti.

40. Jirriżulta illi sussegwentament fid-19 ta' April 2022 ġie intavolat kontra s-soċjeta' attriċi mandat ta' sekwestru eżekuttiv mill-intimat nomine bin-numru ta' referenza 521/2022. Illi dan il-mandat kien ġie akkordat fis-27 ta' April 2022.

41. Jirriżulta illi permezz ta' dan il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, l-intimat nomine ried jenforza s-sentenza mogħtija mill-Qorti ġewwa l-Awstrija, ossia s-sentenza mogħtija mill-Landesgericht Klagenfurt, ikkonfermata fl-Appell mill-Qorti Reġjonali ta' Graz li ngħatat favur tiegħu kontra l-istess soċjeta' rikorrenti.

42. Jirriżulta illi l-intimat Gerhard Posch kien intavola proċeduri kontra s-soċjeta' attriċi quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt, fejn l-Qorti tal-Awstrija kienet laqgħet it-talba tal-intimat Posch u ordnat lis-soċjeta' rikorrenti tħallas lill-intimat is-somma ta' erbgħin elf ħames mija u sitta u tletin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Ewro 40,536.43), kif ukoll b'4% interessi mit-23 ta' Settembru 2020 u disat'elef, ħames mija u sebgħa u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (Ewro 9,557.56) (li jinkludu elf, tlett mija u disgħa u erbgħin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (Ewro 1,349.76) ta' taxxa bl-20% kif ukoll elf, erba' mija u disgħa u ħamsin Ewro (Ewro 1,459) ta' spejjeż addizzjonali) spejjeż proċedurali għar-rappreżentant tar-rikorrent (li f'dik il-kawża kien l-intimat Gerhard Posch).

43. Jirriżulta illi s-sentenza tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt kienet ġiet mogħtija fil-25 ta' Mejju tas-sena 2021.

44. Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi kienet intavolat appell quddiem il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz.

45. Jirriżulta illi l-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz tat is-sentenza tagħha fit-13 ta' Awwissu tas-sena 2021 fejn permezz tagħha ċaħdet l-appell tas-soċjeta' rikorrenti.

46. Jirriżulta illi sussgwentament għal dan il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, is-soċjeta' rikorrenti intavolat il-kawża odjerna stante illi skont l-istess rikorrenti r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi Awstrijaċi f'Malta għandha tiġi rifjutata ai termini tal-Artikolu 45 (1) u l-Artikolu 46 tar-Regolament 1215/2012 stante illi r-rikonoxximent tagħha jkun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) tal-Istat Malti.

47. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda ssostni illi n-notifika tad-dokumenti ġudizzjarji mertu tal-kawża odjerna, ossia kopja tas-sentenzi Awstrijaċi, t-traduzzjonijiet relattivi u ċ-ċertifikat relattiv maħruġ ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012 ma saritx skond ma jipprovdi r-Regolament 1393/2007 u għaldaqstant n-notifika tad-dokumenti hija waħda invalida għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 521/2022 inħareġ bi ksur

ta' dak kontenut fl-Artikolu 43(1) tar-Regolament 1215/2012 in kwantu intalab qabel ma' ċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53 tal-istess regolament ġie validament notifikat lill-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenzi Awstrijaċi.

**Meritu tal-każ**

48. Jirriżulta illi l-pern tal-kwistjoni li qed tikkunsidra din il-Qorti hija ċċentrata fuq żewġ aspetti:

    a. in-nuqqas ta' osservanza tar-Regolament 1393/2007 għal dak li għandu x'jaqsam man-notifika tad-dokumenti ġudizzjarji mertu tal-kawża ossia kopja tas-sentenza Awstrijaka u t-traduzzjonijiet relattivi u ċ-ċertifikat maħruġ ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012; u

    b. l-inkompatibilita' tas-sentenza Awstrijaka mal-istrateġija pubblika (*ordre public*) ta' Malta.

49. Il-Qorti ser tibda billi tanalizza l-ewwel ilment imressaq mis-soċjeta' rikorrenti u ċioe' dak relatat man-nuqqas ta' osservanza tar-Regolament 1393/2007.

**A. <u>Nuqqas ta' Osservanza tar-Regolament 1393/2007</u>**

50. Il-Qorti tosserva illi wieħed mill-argumenti mressqa mis-soċjeta' rikorrenti għandu x'jaqsam man-notifika tad-dokumenti ossia l-kopja tas-sentenzi Awstrijaċi u t-traduzzjonijiet tagħhom u ċ-ċertifikat maħruġ ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012. Illi r-rikorrenti qiegħda ssostni illi tali notifika ma saritx kif suppost stante illi kellha isseħħ ai termini tar-Regolament 1393/2007, senjatament skont l-Artikolu 8(1) u (4) ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħda targumenta illi l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv ma jirrispekkjax id-dettami tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament 1215/2012.

51. Din il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-**Artikolu 43 tar-Regolament 1215/2012**, li huwa l-artikolu illi jispeċifika biex għandha tiġi notifikata l-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni. Illi sabiex tagħmel dan, il-Qorti ser tirreplika t-test ta' dan l-artiklu:

    1. *Meta tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53 għandu jkun notifikat lill-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun akkumpanjat mis-sentenza, jekk din ma tkunx diġà ġiet innotifikata lil dik il-persuna.*

    2. *Meta persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni hija domiċiljata fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru ta' oriġini, hija tista' titlob traduzzjoni tas-sentenza sabiex tikkontesta l-eżekuzzjoni jekk is-sentenza mhijiex miktuba jew akkumpanjata minn traduzzjoni f'xi waħda mil-lingwi segwenti:*

        *(a) lingwa li tifhem; jew ,*

        *(b) il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru li fih hija domiċiljata jew, fejn hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, il-lingwa*

*uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn hija domiċiljata.*

*Meta traduzzjoni tas-sentenza hija mitluba taħt l-ewwel subparagrafu, ma tista' tittieħed l-ebda miżura ta' eżekuzzjoni għajr miżuri kawtelatorji sakemm dik it-traduzzjoni tkun ingħatat lill-persuna li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni.*

*Dan il-paragrafu m'għandux japplika jekk is-sentenza tkun diġa ġiet innotifikata lill-persuna li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni f'waħda mil-lingwi msemmija fl-ewwel subparagrafu jew tkun akkumpanjata minn traduzzjoni f'waħda minn dawk il-lingwi.*

3. *Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-eżekuzzjoni ta' miżura kawtelatorja f'sentenza jew meta l-persuna li qed titlob l-eżekuzzjoni tipproċedi għal miżuri kawtelatorji skont l-Artikolu 40."*

52. Il-Qorti tqis illi l-artikolu surreferit jispjega, bl-aktar mod ċar, kif u b'xiex għandha tiġi nnotifikata l-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni.

53. Fil-każ odjern, huwa ċar u manifest illi l-persuna li kontra tagħha qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni fil-każ odjern hija s-soċjeta' rikorrenti.

54. Jirriżulta li l-Artikolu 43 jistipula illi, qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni, il-persuna li kontra tagħha qed tintalab din l-eżekuzzjoni għandha tiġi notifikata biċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53 tal-istess Regolament, liema ċertifikat għandu jkun akkumpanjat mis-sentenza, jekk din ma tkunx diġa' ġiet notifikata lil dik il-persuna. In oltre, l-istess Artikolu jipprovdi illi jekk is-sentenza ma tkunx f'lingwa li dik il-persuna tifhem jew fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru li fih hija domiċiljata, hija għandha dritt illi titlob it-traduzzjoni tagħha.

55. Ikkunsidrat dan, il-Qorti ser issa tgħaddi sabiex tanalizza jekk dak rikjest mill-Artikolu 43 tar-Regolament 1215/2012 ġiex irrispettat jew le mill-intimat nomine.

56. Din il-Qorti tosserva illi s-sentenza mill-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt ingħatat fil-25 ta' Mejju tas-sena 2021. Illi din ġiet tradotta fil-lingwa Maltija fit-30 ta' Marzu 2022, kif jidher a fol 58. Illi sussegwentament ingħatat sentenza mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz fit-13 ta' Awwissu 2021, liema sentenza ġiet tradotta fil-lingwa Maltija fit-30 ta' Marzu 2022 ukoll, kif jidher a fol 75.

57. Illi ċ-ċertifikat ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012 ġie maħruġ mill-Qorti tal-oriġini fit-8 ta' Frar 2022 u ġie maħruġ bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż (fol 17-28).

58. Illi s-soċjeta' rikorrenti ġiet notifikata b'ittra uffiċjali bin-numru 1308/2022 fit-8 ta' April 2022[16], liema ittra uffiċjali kellha annessa magħha ċ-ċertifikat maħruġ ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012 u s-sentenzi tal-Qrati Awstrijaċi bil-lingwa oriġinali ossia dik Ġermaniża u bi traduzzjoni bil-Malti. Dan jidher ċar mill-atti eżebiti a fol 17-75 tal-proċess.

[16] Allavolja fl-ittra uffiċjali eżebita ma hemmx ir-riferta relattiva, hemm indikat *"Received 08 Apr 2022"* u fir-rikors ġuramentat hemm imniżżel li n-notifika saret fit-8 ta' April 2022

59. Illi sussegwentament, l-intimat nomine pproċeda bil-preżentata tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, liema mandat ġie intavolat fid-19 ta' April 2022 kif jidher a fol 76.

60. Tali fatti juru illi r-rekwiżiti u dak kollu stipulat fl-Artikolu 43 ġie rispettat u onorat mill-intimat nomine stante illi *"qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni"* huwa nnotifika lis-soċjeta' attriċi biċ-ċertifikat u bis-sentenzi tradotta għall-Malti.

61. Madanakollu, din il-Qorti tinnota wkoll illi fl-istess ċertifikat maħruġ mill-Qorti tal-oriġini hemm imniżżel illi s-sentenza kienet ġiet notifikata lis-soċjeta' rikorrenti fis-26 ta' Mejju 2021 iżda kienet ġiet notifikat bil-lingwa Ġermaniża (fol 19 u fol 25). Dan ifisser illi kieku l-intimat nomine waqqaf s'hemm u qatt ma nnotifika s-sentenza lir-rikorrenti bil-lingwa Maltija, dan kien iwassal għal dak stipulat fis-subartikolu 2 tal-Artikolu 43 tar-Regolament 1215/2012.

62. Madanakollu, mill-atti eżebiti a fol 17 sa 77 tal-proċess jidher ċar illi dak rikjest fl-Artikolu 43 tar-Regolament 1215/2012 ġie sodisfatt u b'hekk il-Qorti ma tara l-ebda rilevanza għall-applikabilita' tal-Artikolu 8(1)u (4) tar-Regolament 1393/2007 għal każ odjern.

63. Jiġi osservat ukoll illi, fis-sottomissjonijiet eruditi tas-soċjeta' rikorrenti, hija ma tagħmel ebda argumentazzjoni dwar dan l-ewwel ilment tagħha, indikazzjoni ċara illi hija ben konxja tal-fatt li dak minnha allegat ma jissussistix.

64. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tqis illi l-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

**B. <u>L-inkompatibilita' tas-sentenzi Awstrijaċi mal-Istrateġija Pubblika (*Ordre Public*) ta' Malta</u>**

65. Illi t-tieni ilment tas-soċjeta' rikorrenti, illi skont din l-istess Qorti jikkostitwixxi l-pern tal-kwistjoni odjerna, huwa bbażat fuq l-Artikolu 45 (1)(a) u l-Artikolu 46 tar-Regolament 1215/2012, ir-Regolament li huwa komunement magħruf bħala *Brussels I Recast Regulation*.

66. Illi l-Artikolu 45(1)(a) ta' dan ir-Regolament jipprovdi illi:

> *"1. Fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxximent ta' sentenza għandha tiġi rifjutata:*
>
> *(a) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat;"*

67. Illi in oltre, l-Artikolu 46 tar-Regolament 1215/2012 jipprovdi kif ġej:

> *"Fuq it-talba tal-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni, l-eżekuzzjoni ta' sentenza għandha tiġi rrifjutata meta jinstab li teżisti waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45".*

68. Illi l-azzjoni mressqa quddiem din il-Qorti hija azzjoni fejn il-*"parti interessata",* ossia f'dan il-każ, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda ssostni illi din il-Qorti, *qua,* l-Qorti fl-Istat Membru indirizzat, għandha tirrifjuta r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi

mogħtija mill-Qrati Awstrijaċi stante illi dawn is-sentenzi jmorru manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*), li fit-test Ingliż tinsab tradotta għall-frażi "*public policy*", tal-Istat Malti.

69. Il-Qorti tqis illi qabel ma' tibda l-analiżi u l-istħarriġ tagħha fuq jekk is-sentenza estera, ossia dik l-Awstrijaka, hijiex manifestament kontra l-istrateġija pubblika tal-Istat Malti, hija għandha tosserva illi l-iskop ta' dan ir-Regolament, huwa fost l-oħrajn, sabiex ikun hemm ċirkulazzjoni libera tas-sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Di fatti, kif jipprovdi l-Artikolu 36(1) tal-istess Regolament:

> *"Sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali".*

70. Infatti, a differenza tar-Regolament 44/2001 (dak l-imsejjaħ *Brussels I Regulation*), ir-Regolament 1215/2012 (*Brussels I Recast Regulation)* ġab miegħu bidla notevoli kif riflessa fl-imsemmi Artikolu 36(1). Dan qed jingħad, peress illi, permezz tar-Regolament 1215/2012 seħħ dak li komunement nirreferu għalih bl-Ingliż bħala *"the abolition of the exequatur"*, u ċioe' li issa sentenza mogħtija fi Stat Membru tiġi rrikonoxxuta fl-Istati Membri oħra <u>mingħajr ma ssir ebda proċedura</u>.

71. In vista ta' dan, din il-Qorti qiegħda tagħmilha ċara u tenfasizza, qabel ma tibda tistħarreġ dan it-tieni ilment tas-soċjeta' rikorrenti, illi hija konsapevoli ta' dak provdut fl-Artikolu 52 tar-Regolament, u qed tirriafferma l-insistenza tagħha li, bl-ebda mod, ma hija ser tidħol fil-mertu tas-sentenza mogħtija mill-Qrati Awstrijaċi, liema sentenzi jorbtu lis-soċjeta' rikorrenti u l-intimat Gerhard Posch.

72. Meqjus dan kollu, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tanalizza jekk ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qrati Awstrijaċi fil-25 ta' Mejju 2021 u fit-13 ta' Awwissu 2021 rispettivament, għandiex tiġi rifjutata minħabba li tmur manifestament kontra l-istrateġija pubblika tal-Istat Malti. Illi l-Qorti tqis illi l-ewwel u qabel kollox huwa importanti illi brevement tagħti l-isfond tas-sitwazzjoni ġewwa l-Awstrija rigward is-settur tal-logħob u dan għall-uniku skop sabiex jiġi spjegat u delineat il-kuntest ta' din is-sentenza.

## <u>I. Is-Settur tal-Logħob ġewwa l-Awstrija</u>

73. Jirriżulta illi l-Gvern Federali tal-Awstrija kien ippromulga l-*Gaming Act* jew kif inhu riferut l-*Glücksspielgesetz* (GSpG), fejn, għal dak li għandu x'jaqsam ma' *"games of chance"* (li jinkludu wkoll *online games of chance*), il-*Gaming Act* jistabilixxi l'hekk imsejjħa 'drittijiet' sabiex jiġu provduti dawn is-servizzi huwa f'idejn il-Gvern Federali. Jirriżulta illi dawn il-*games of chance* huma soġġetti għad-disposizzjonijiet tal-*Gaming Act*. In oltre, l-klassi tal-logħob magħrufa bħala *lotteries*, li tinkludi wkoll *online games of chances,* taqa' taħt dik il-klassi, fejn il-provvista ta' dawn is-servizzi hija f'idejn il-Gvern Federali.

74. Jirriżulta li, skont l-istess *Gaming Act,* il-Ministeru tal-Finanzi Awstrijak jista' jagħti konċessjoni, fejn jittrasferixxi d-'drittijiet' lill-provditur privat sabiex jiġu amministrati lotterji u *online games of chance.* Illi din il-liċenzja tingħata għal żmien li ma jeċċedix ħmistax-il sena.

75. Jirriżulta li, preżentament, il-konċessjoni gewwa l-Awstrija ngħatat <u>esklussivament</u> lil Casinos Austria AG li jinkludi Österreichische Lotterien Gmbh. Tramite l-konċessjoni

esklussiva tagħha, il-Casinos Austria AG u Österreichische Lotterien Gmbh jipprovdu esklussivament fit-territorju Awstrijak diversi servizzi bħal dak tal-*online gaming* permezz tas-sit elettroniku tagħhom www.win2day.at.

76. Jirriżulta, għalhekk, illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-provvista ta' *online games of chance* ġewwa l-Awstrija, il-*Gaming Act* tal-Awstrija jipprovdi li din hija f'idejn il-Gvern Federali jew f'idejn id-detentur ta' liċenzja unika maħruġa mill-Ministeru tal-Finanzi – għalhekk, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi dana jfisser li, għal dak li għandu x'jaqsam ma' dan is-settur ta' logħob, gewwa l-Awstrija teżisti sitwazzjoni ta' monopolju legalizzat.

**Ikkunsidrat**

77. Kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, din il-konċessjoni monopolistika ġewwa l-Awstrija preżentament ingħatat lil Casinos Austria AG/ Österreichische Lotterien Gmbh, fejn, madanakollu, din ma hijiex f'idejn l-Istat tal-Awstrija, iżda l-Istat huwa biss azzjonist b'minoranza tal-ishma filwaqt illi l-azzjonista b'maġġoranza tal-ishma hija kumpannija privata mir-Repubblika Ċeka, bl-isem "Allwyn" (qabel kien iġib l-isem ta' Sazka Group).

78. Jiġifieri, għalhekk, illi jidher ċar illi ġewwa l-Istat Awstrijak, hemm il-monopolju legalizzat fejn jirrigwarda l-online games of chance, liema monopolju hija mogħtija a benefiċċju ta' kumpannija privata, ta' nazzjonalita' Ċeka, illi għandha l-maġġoranza fis-soċjeta' li għandha l-monopolju sabiex tipprovdi dan is-servizz ġewwa l-Istat Awstrijak.

79. Hawnhekk, il-Qorti tħoss illi tirrileva u tosserva li, filwaqt illi għal dak li jirrigwarda '*online games of chance*', bħalma huma dawk ipprovduti mis-soċjeta' rikorrenti, hemm monopolju mogħtija lill-kumpannija b'maġġoranza privata, <u>mill-banda l-oħra</u>, għal dak li għandu x'jaqsam ma' setturi oħra ta' logħob bħal *land based casinos*, in-numru massimu ta' liċenzji li jistgħu jingħataw huwa dak ta' ħmistax (15) filwaqt illi għal dak li għandu x'jaqsam ma' *sports/social betting*, dana ma huwiex regolat mill-*Gaming Act* u għalhekk huwa settur liberalizzat u ma hemmx stabbilit numru massimu ta' liċenzji li jistgħu jiġi mogħtija.

80. Jiġifieri, '*online games of chance*' ġew soġġetti għall-monopolju filwaqt illi l-logħob oħra bħalma huma '*land based casinos*' u '*sports betting*' huma liberalizzati.

81. Dawna l-asserzjonijiet, da parte ta' dina l-Qorti, huma riżultat tax-xhieda mogħtija minn Thomas Forstner, Segretarju Ġenerali tal-**Osterreichische Vereinigung fur Wetten und Glucksspiel**, ossija l-Austrian Association for Online Betting and Gambling, fejn huwa spjega fid-dettall kif jaħdem is-settur tal-logħob ġewwa l-Awstrija u qal is-segwenti:

> *"Dr Joseph Mizzi:*
> *And can you please explain how the Austrian Gaming Industry works and with particular reference with the possibility of obtaining a license from the government to operate within the industry?*
>
> *The Witness:*
> *Yes. Gaming laws are not harmonized on a new level, so I will try to explain how gambling and sports betting are regulated in Austria, and there are*

*different rules that are different responsibilities and tests. Why this is approach is very unique in the European Union ... Let's start with the ... the Austrian gaming system is determined ... determined ... sorry ... by the Austrian Gambling Act, this is the so-called Glücksspielgesetz and this Gambling Act stipulates the government monopoly of the Federation pursuant to which offering games of chance lies exclusively with the federation. Games of chance in this context means roulette, blackjack, poker slots and lotteries. Online gambling is also part of the monopoly and therefore it's subject to the Austrian Gambling Act. And although there is a state monopoly, all these games are offered a one group of companies around Casinos Austria. Either because Casinos Austria itself, or by their subsidiary Austrian Lotteries. But it's important to know this groups majority controlled by jack multinational lottery operator named Alvin. According to this gambling act, lotteries are subject to one single license for the whole of Austria, so it's the factor contributing a monopoly. But it's also important to know that this single lottery license also includes online gambling and video lottery terminals realities. The hold up of this England exclusive lottery license is the *** inaudible speech in Austrian *** This means lotteries, and they operate the only online gambling website which is licensed in Austria, it's called www.wintoday.at. But what makes it effectively impossible for operators to obtain an online gaming license in Austria in fact, it is single lotteries license also includes online gaming. This means any operator would like to offer online gaming in Austria, would also be obliged to offer lotteries too. That means that they would have to establish the necessary infrastructure at this distribution network and all the things you need to run in national ... national, state wide lottery. Did I forget something ... yeah ... sports betting on the other hand ... it's not considered as a game of chance in Austria and therefore it is not subject to the monopoly. Betting is in the legislative competence of the nine federal states and it's very liberally regulated in form of a licence system.*

*The Court:*
*So I am to understand that sports betting is not monopolized in a way while ... while gambling is.*

*The Witness:*
*Yes, Sir.*

*Dr Joseph Mizzi:*
*So just to follow up on that. A company which operates on sports betting can have a service done online, but games of chance emm ... is not allowed, correct?*

*The Witness:*
*This is right.*

*Dr Joseph Mizzi:*
*And you mentioned the monopolist before. Can you explain emm ... whether this is owned by the state?*

*The Witness:*

*The monopoly in Austria, where it's called the state monopoly, but it's not a state monopoly anymore because Austria has just a minority share in this monopoly. The majority share is hold … it's held sorry, by a Czech company. It's called Allwin or formally known as Saska Group, which is a multinational US funded company. And I … I don't know where, why they … they be … they should be better suited to protect player interests than a licensed operator with a new license should do. But …"*

(fol 286 et seq-287)

82. Fost id-dokumentazzjoni ppreżentata lil dina l-Qorti, hemm l-artiklu legali ppreżentat mis-soċjeta' rikorrenti ntitolat *"Legal Opinion Regarding the Austrian Gambling Monopoly in Light of EU Law and Fair Trial Aspects in Connection with Civil Claims for a Refund of Online Gambling Losses"* redatt minn Brandl & Talos Rechtsanwälte GmbH fis-6 ta' Marzu 2023 fejn ġie spjegat illi:

*"In Austrian, gambling is subject to a federal gambling monopoly, while the betting market is regulated very liberally and subject to the laws of the nine Austrian federal states rather than to the federal Gambling Act.*

*The federal gambling monopoly may be exercised via concessions. The Ministry of Finance as the competent regulatory and concession authority grants the concessions and supervises the concession holders. While land-based casinos are subject to a maximum of 15 concessions, all twelve concessions that have been granted are held by Casinos Austria AG. The single concession for lotteries is held by Österreichische Lotterien Gmbh. All forms of online gambling (except for online sports betting) are part of the single concession for lotteries. Both companies are part of the same group in which Allwyn Entertainment (formerly: Sazka Group) of Czech billionaire Karel Komárek is the majority shareholder and the Republic of Austria holds only a minority stake. In addition the Austrian de facto monopoly being held by a Czech investment group, US private equity firm Apollo Global Management entered into a partnership with Allwyn to "support their global expansion in the lottery and gaming sectors".*

*Thus, the regulation of gaming in Austria, in particular with regard to online gambling being part of the single concession for lotteries, constitutes a de facto monopoly.*

*…*

*Hence, ÖLG and CASAG remain the only companies that have ever been licensed in Austria for operating casinos and lotteries, including online gambling, thus constituting a de facto monopoly. ÖLG is held by CASAG.*

*Unlike, other monopoly operators, CASAG is not fully state-owned company. Only 33.24% of the CASAG are held by the Republic of Austria via the Austrian state holding company ÖBAG (Österreichische Beteiligungs AG). The current majority shareholder is Czech Allwyn Group, holding over 60% of shares via CAME Holding GmbH (21.41%) and Medial Beteiligungs-Gesellschaft m.b.H (38.29%)".*

(fol 301 u fol 304)

83. **Dana kollu juri biċ-ċar, għal darba oħra, illi fil-qasam fejn topera s-soċjeta' rikorrenti b'liċenzja valida maħruġa mill-Awtorita' Maltija għal-Logħob, ossija dik ta' *online games of chance,* ġewwa l-Awstrija teżisti monopolju, liema monopolju, din il-Qorti ma tistax ħlief ma tirrilevax, ma jistax daqstant jitqies bħala monopolju ta' l-istat, ikkunsidrat illi l-privat għandu l-maġġoranza ta' benefiċċji ta' tali monopolju, iżda huwa monopolju a benefiċċju tal-privat.**

84. Mogħti dan l-isfond, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għar-rikors promutur tas-soċjeta' rikorrenti, senjatament għall-premessi tal-istess rikors fejn is-soċjeta' attriċi tispjega fuq liema bażi qiegħda tallega li s-sentenza estera moghtija mill-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt u aktar tard ikkonfermata bl-appell mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz ġewwa l-Awstrija, tmur kontra l-istrateġija pubblika tal-Istat Malti.

## II. Talba għar-rifjut tar-rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka

85. Illi kif diġa' ngħad, is-soċjeta' attriċi qiegħda, permezz tal-azzjoni odjerna, titlob lil din il-Qorti sabiex tirrifjuta r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Awstrijaka u dan għar-raġuni illi din tmur manifestament kontra l-istrateġija pubblika ta' pajjiżna.

86. Illi l-istess soċjeta' ssostni illi l-Awstrija, bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, permezz tal-liġijiet illi għandha f'dak li għandu x'jaqsam mal-logħob tal-azzard, partikolarment '*online games of chance*', qiegħda timponi restrizzjonijiet sostanzjali fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni Ewropea u dan imur kontra l-ispirtu tal-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (aktar 'il quddiem riferut bħala 'TFUE').

87. In oltre, l-istess soċjeta' rikorrenti tisħaq illi kwalunkwe deroga tal-Artikolu 56 tat-TFUE u kwalunkwe restrizzjoni fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi, hija permissibli u ġustifikata, iżda dana biss jekk il-prinċipji enunċjati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha fir-rigward ta' tali restrizzjoni, jiġu rrispettati.

88. Illi magħdud ma' dan, is-soċjeta' rikorrenti, fir-rikors promutur kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tisħaq illi l-leġislazzjoni Awstrijaka, ossija l-GspG, tikser regola legali fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u ċioe' l-Artikolu 56 tat-TFUE, u dan għaliex ir-restrizzjonijiet imposti mill-Istat tal-Awstrija fuq il-moviment liberu tas-servizzi in kwistjoni, għal dak li għandu x'jaqsam mal-logħob tal-azzard, ma humiex konformi mar-rekwiżiti stabbilit u elaborati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex tali derogi jkunu permissibli, aċċettati u ġustifikati. Illi l-istess rikorrenti tipprovdi numru ta' raġunijiet għaliex skontha dan huwa l-każ.

89. Din il-Qorti tirrileva illi anke l-intervenuta fil-kawża, ossia l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob, li hija l-Awtorita' Nazzjonali Maltija illi tirregola l-qasam tal-Logħob ġewwa Malta u l-liċenzji illi jinħarġu għal tali logħob, bħas-soċjeta' rikorrenti, wkoll tisħaq illi r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka tmur kontra l-istrateġija pubblika ta' Malta u b'hekk għandha tiġi rrifjutata. Hawnhekk, il-Qorti tosserva li, tul il-kawża, l-Awtorita' ppreżentat numru ta' dokumenti in sostenn tal-pożizzjoni tagħha, kif ukoll tispjegaha bl-aktar mod ċar u dettaljat fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.

90. Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha l-istess Awtorita’ tgħid is-segwenti:

*“L-Awtorita’ esponenti, qua intervenut fil-proċediment odjern, tippuntwalizza li hi taqbel perfettament mal-pretensjonijiet tas-soċjeta’ rikorrenti in kwantu li r-rikonoxximent u/jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka għandhom jiġu rrifjutati stante li jmorru manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) ta’ Malta u ser tibbaża s-sottomissjonijiet tagħha fuq żewġ (2) binarji li ser jiġu diskussi f’sezzjonijiet separati f’din in-nota ta’ sottomissjonijiet. Senjatament dawn ir-raġunijiet huma:*

*i. Li r-rikonoxximent u/jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka jmorru kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) ta’ Malta billi jiksru regoli essenzjali fl-ordinament legali Ewropew (u b’estensjoni, ta’ dak Malti), prinċipalment tal-Artikolu 56 tat-Trattat; u*

*ii. Li r-rikonoxximent u/jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka jmorru kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) ta’ Malta per se għaliex jiksru l-ordni pubbliku ben assodat ta’ Malta in kwantu t-tħaddim u l-ħarsien tal-istess Artikolu 56 tat-Trattat, partikularment fis-settur tal-online gambling;”*

## III. <u>L-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea</u>

91. Il-Qorti ser issa tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-Artikolu 56 tat-TFUE u tibda billi tirriproduċi t-test ta’ dan l-istess Artikolu:

*“Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt, ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta’ li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta’ ċittadini ta’ Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi.*

*Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jestendu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu għal servizzi mogħtija minn ċittadini ta’ Stat terz li jkunu stabbiliti fl-Unjoni”.*

92. Il-Qorti tosserva illi, kif inhu ben stabbilit, l-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq erba’ prinċipji bażilari u fundamentali għall-eżistenza tagħha:

- il-moviment liberu tan-nies,
- il-moviment liberu tal-merkanzija,
- il-moviment liberu tas-servizzi (l-liberta’ tal-istabbiliment u l-liberta’ li jiġu pprovduti servizzi), u
- il-moviment ħieles tal-kapital.

Illi dawn l-erba’ elementi jiffurmaw is-sisien tal-kreazzjoni u eżistenza kollha tal-Unjoni Ewropeja, u huma kollha huma essenzjali u fundamentali għas-suq intern, ossia s-suq uniku fi ħdan it-territorju tal-Unjoni Ewropea, b’dan illi jekk ma jiġux osservati, r-raġuni għaliex tali Unjoni ġiet iffurmata tiġi reża inutili.

**Ikkunsidrat**

93. Rikonoxxjut il-fatt li l-pern tal-azzjoni odjerna ddur madwar il-moviment liberu tas-servizzi, senjatament l-Artikolu 56 tat-TFUE, din il-Qorti ser issa tiffoka l-attenzjoni tagħha fuq dan l-aspett, fejn ser tagħmel referenza ampja għall-ġurisprudenza u opinjonijiet legali fejn tali kwistjoni ġia ġiet dibattuta fil-Fora Ewropej.

94. Il-Qorti ser tibda milli tagħmel referenza għall-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar ippreżentati fit-3 ta' Settembru 2020 fil-kawża fl-ismijiet: ***BONVER WIN, a.s. vs Ministerstvo financí ČR***[17], fejn fuq l-iskop tal-Artikolu 56 tat-TFUE, l-istess Avukat Ġenerali jgħid:

> *"Pursuant to Article 56 TFEU, within the framework of the provisions of the chapter on services in the FEU Treaty, restrictions on the freedom to provide services within the Union are prohibited in respect of nationals of Member States who are established in a Member State other than that of the person for whom the service is intended.*
>
> *This provision, which constitutes the fundamental rule, or Grundnorm, of the freedom to provide services within the internal market and has been supplemented by an array of secondary law, notably the Services Directive, has come a long way in the case-law of the Court. Though conceived by the Treaty as a residual fundamental freedom, the Court has from an early stage termed it as 'one of the fundamental principles of the Treaty'. It has moreover found this fundamental freedom to have direct effect and also to cover indistinctly applicable measures Article 56 TFEU, as with Articles 34, 45 and 49 TFEU, is intended therefore to remove obstacles to trade rather than mere discrimination between domestic and foreign market operators. Concomitantly, the Court has allowed Member States to resort to non-written grounds of justification in restricting the freedom to provide services, in the form of overriding reasons relating to the public interest. Moreover, crucially for the present case, the Court has ruled that the freedom to provide services is for the benefit of both providers and recipients of services. This evolution of the freedom to provide services went hand in hand with the transition of the Member States' economies and societies from manufacturing to services."*

95. Illi kif ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża fl-ismijiet: ***Reinhard Gebhard vs Consiglio dell'Ordine degli Avvocati e Procuratori di Milano***[18] regola jew liġi nazzjonali illi tirristrinġi l-liberta' li jiġu provduti servizzi trid tkun kompatibbli mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 56 tat-TFUE. Biex ikun hekk, għandhom jiġu sodisfatti erba' kriterji, ossia:

> *"It follows, however, from the Court's case-law that national measures liable to hinder or make less attractive the exercise of fundamental freedoms guaranteed by the Treaty must fulfil four conditions: they must be applied in a non-discriminatory manner; they must be justified by imperative requirements in the general interest; they must be suitable for securing the attainment of the objective which they pursue; and they must not go beyond*

[17] Kawża bin-numru ta' referenza: C-311/19
[18] Deċiża fit-30 ta' Novembru 1995- Kawża bin-numru ta' referenza: C-55/94

*what is necessary in order to attain it (see Case C-19/92 Kraus v Land Baden-Württemberg [1993] ECR I -1663, paragraph 32)".*

96. Barra mill-prinċipji stabbiliti hawn fuq mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-istess Trattat ('TFUE') jipprovdi xenarji restrittivi li jippermettu li l-Artikolu 56 tal-istess Trattat ma jiġix applikat jew li jkun hemm deroga u restrizzjonijiet fl-applikazzjoni tiegħu. L-Artikolu 52 tat-TFUE jsemmi dawn ix-xenarji:

- ordni pubblika,
- sigurta' pubblika, u
- saħħa pubblika[19].

97. Il-Qorti tosserva illi, matul il-kawża, ġew ippreżentati numru ta' provi dokumentarji li lkoll jagħmlu referenza għal bosta ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; ġurisprudenza li żviluppat fil-materja konċernanti l-Artikolu 56 TFUE b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-settur tal-logħob.

98. Il-Qorti tosserva wkoll illi referenza għal tali ġurisprudenza saret ukoll mill-partijiet fl-atti ppreżentati minnhom, speċjalment fin-nota ta' sottomissjonijiet eruditi u ben studjati tagħhom.

99. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi għandha tosserva li s-settur tal-logħob, għal xi raġuni, mhuwiex wieħed armonizzat fl-Unjoni Ewropea, bir-riżultat illi kull Stat Membru għandu dritt illi jilleġiżla għalih, illi jkollu awtorita' regolatorja għalih u li jagħmel is-superviżjoni li hija neċessarja f'dan l-istess ambitu. Dana naturalment ifisser illi, peress illi l-Unjoni Ewropea m'għandhiex sett ta' regoli u liġijiet f'dan is-settur li japplikaw b'mod omoġenju għall-Istati Membri kollha, allura kull Stat Membru huwa awtonomu li jorganizza s-servizzi li jixtieq jagħti fis-settur tal-logħob. Madanakollu, dawn is-servizzi għandhom ikunu dejjem in linea u jirrispettaw il-libertajiet fundamentali stabbiliti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), liema libertajiet fundamentali huma l-essenza u r-raġuni ewlenija għall-eżistenza tal-Unjoni Ewropeja.

## Ikkunsidrat

100. Kif ġia osservat aktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ġia kellha l-opportunita' illi tagħti numru ta' sentenzi fejn provdiet linji gwida kif ukoll enunċjat diversi prinċipji ta' kif għandhom jiġu interpretati l-libertajiet fundamentali stabbiliti mit-TFUE, li jikkonċernaw is-suq intern tal-Unjoni Ewropea f'dan is-settur tal-logħob.

101. Din il-Qorti ser tagħmel referenza għal-'*Legal Overview'* mogħtija fis-sit tal-Kummissjoni Ewropea ntitolat: ***"Gambling Case Law"***[20] fejn ġie spjegat is-segwenti:

*"The CJEU has confirmed that the provision and use of cross-border gambling services constitutes an economic activity that falls within the scope of the fundamental freedoms of the Treaty on the Functioning of the European Union (TFEU). In particular, Article 56 TFEU prohibits restrictions on the freedom to provide services to recipients in other EU countries. Nevertheless,*

[19] L-applikazzjoni tal-Artikolu 52 huwa applikabbli għal-liberta' li tipprovdi servizzi tramite l-Artikolu 62 li jipprovdi kif ġej: *"Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 51 sa 54, inklużi, għandhom japplikaw għal ħwejjeġ regolati b' dan il-Kapitolu"* (Il-Kapitolu huwa l-"Kapitolu 3- Is-Servizzi").
[20] https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/online-gambling/gambling-case-law_en

*there is no obligation of mutual recognition of authorisations or licenses to provide gambling services granted by an authority in an EU country.*

*The CJEU has also repeatedly recognised EU countries' rights to restrict the cross-border supply of certain gambling services where necessary to protect public interest objectives such as the protection of minors, the fight against gambling addiction, and the prevention of crime and fraud.*

*While EU countries usually offer legitimate reasons for the restriction of cross-border gambling services, they must nonetheless demonstrate the suitability, proportionality and necessity of the measure in question, in particular the existence of a problem linked to the public interest objective at stake and the consistency of the regulatory system.*

*EU countries must also demonstrate that the public interest objectives they have chosen are being pursued in a consistent and systematic manner, and they must not undertake, facilitate, or tolerate measures that would run counter to the achievement of these objectives".*

102. Hawnhekk il-Qorti tqis illi għandha ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet ***Sporting Odds Ltd vs Nemzeti Adó-és Vámhivatal Központi Irányítása***[21], indikata fl-istess '*Legal Overview*' hawn fuq imsemmija, fejn il-Qorti stabbiliet dawn il-prinċipji:

*1. Article 56 TFEU must be interpreted as meaning that it does not, in principle, preclude a dual system of organisation of the market for games of chance under which certain types of those games fall with the State monopoly system, while others fall within the system of concessions and licences for the organisation of games of chance, if the referring court establishes that the rules restricting the freedom to provide services do, in fact, pursue the objectives relied on by the Member State concerned in a consistent and systematic manner.*

*2. Article 56 TFEU must be interpreted as meaning that it precludes a national measure, such as that at issue in the main proceedings, according to which the grant of a licence to organise online games of chance is reserved exclusively to operators of games of chance holding a concession for a casino situated on national territory, since that rule does not constitute a condition indispensable to the achievement of the desired objectives, and that there are less restrictive measures which are capable of attaining them.*

*3. Article 56 TFEU must be interpreted as precluding national legislation, such as that at issue in the main proceedings, which introduces a system of concessions and licences for the organisation of online games of chance, if it contains discriminatory rules with regard to operators established in other Member States or if it lays down rules which are not discriminatory but which are applied in a manner which is not transparent or are implemented in such a way as to prevent or hinder an application from certain tenderers established in other Member States.*

[21] Deċiża fit-28 ta' Frar 2018- Kawża bin-numru ta' referenza: C-3/17 (Din kienet referenza preliminari mill-Administrative and Labour Court ta' Budapest fl-Ungerija)

*4. Article 56 TFEU and Article 4(3) TEU, read in conjunction with Articles 47 and 48 of the Charter of Fundamental Rights of the European Union, must be interpreted as meaning that they do not preclude national legislation, such as that at issue in the main proceedings, which does not provide for the ex officio examination of the proportionality of measures restricting the freedom to provide serves within the meaning of Article 56 TFEU and which puts the burden of proof on the parties to the proceedings.*

*5. Article 56 TFEU, read in conjunction with Articles 47 and 48 of the Charter of Fundamental Rights, must be interpreted as meaning that it is for a Member State which has put in place restrictive legislation to provide evidence to prove the existence of objectives capable of justifying a restriction on a fundamental freedom guaranteed by the FEU Treaty and its proportionality, in the absence of which the national court must draw all the inferences which result from such a failure.*

*6. Article 56 TFEU must be interpreted as meaning that it cannot be held that a Member State has failed to satisfy its obligation to justify a restrictive measure because it has failed to provide an analysis of the effects of that measure on the date on which that measure was introduced into national law or the date of the examination of such a measure by the national court.*

*7. Article 56 TFEU must be interpreted as precluding a penalty, such as that at issue in the main proceedings, imposed for the infringement of national rules introducing a system of concessions and licences for the organisation of games of chance, if such national legislation proves to be contrary to that article."*

103. Sentenza oħra rappurtata hija dik mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet***: Admiral Casinos & Entertainment AG***[22] ***vs Balmatic Handelsgesellschaft m.b.H and Others,*** l-Qorti tenniet kif ġej:

*"Article 56 TFEU must be interpreted as meaning that a review of the proportionality of restrictive national legislation in the area of games of chance must be based not only on the objective of that legislation at the time of its adoption, but also on the effects of the legislation, assessed after its adoption".*

104. Sentenza oħra rappurtata hija dik mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet ***Stanley International Betting Ltd and Stanleybet Malta Ltd v Ministero dell'Economia e delle Finanze and Agenzia delle Dogane e dei Monopoli di Stato***[23] fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet illi:

***"****It is settled case-law that all measures which prohibit, impede or render less attractive the exercise of the freedoms guaranteed by Articles 49 TFEU and 56 TFEU must be regarded as restrictions on the freedom of establishment and/or the freedom to provide services (see, inter alia, judgment in Duomo Gpa and Others, C-357/10 to C-359/10, EU:C:2012:283, paragraphs 35 and 36 and the case-law cited).*

[22] Deċiża fit-30 ta' Ġunju 2016- Kawża bin-numru ta' referenza: C-464/15 (Din kienet referenza preliminari mill-Wiener Neustadt Regional Court, fl-Awstrija)
[23] Deċiża fit-22 ta' Jannar 2015- Kawża bin-numru ta' referenza: C-463/13 (Din kienet referenza preliminari mill-Consiglio di Stato tal-Italja)

*46 Consequently, legislation of a Member State, such as that at issue in the main proceedings, which makes the exercise of an economic activity subject to a licensing requirement and which specifies situations in which the licence is to be withdrawn, constitutes an obstacle to the freedoms thus guaranteed by Articles 49 TFEU and 56 TFEU (see judgment in Costa and Cifone, EU:C:2012:80, paragraph 70).*

*47 It is necessary, however, to determine whether such a restriction may be allowed as a derogation, on grounds of public policy, public security or public health, as expressly provided for under Articles 51 TFEU and Article 52 TFEU, which are also applicable in the area of freedom to provide services by virtue of Article 62 TFEU, or justified, in accordance with the case-law of the Court, by overriding reasons in the public interest (judgment in Digibet and Albers, C-156/13, EU:C:2014:1756, paragraph 22 and the case-law cited).*

*48 Thus, it is settled case-law that restrictions on betting and gambling may be justified by overriding reasons in the public interest, such as consumer protection and the prevention of both fraud and incitement to squander money on gambling (judgment in Digibet and Albers, EU:C:2014:1756, paragraph 23 and the case-law cited).*

*49 Moreover, as regards the Italian legislation relating to betting and gambling, the Court has held previously that the objective of combating criminality linked to betting and gambling is capable of justifying restrictions on fundamental freedoms under those rules (see judgment in Biasci and Others, C-660/11 and C-8/12, EU:C:2013:550, paragraph 23).*

*50 In the present case, as regards the classification as an 'overriding reason in the public interest' of the reason given by the national authorities in order to justify the shorter period of validity of the new licences, namely the reorganisation of the licensing system through the alignment of licence expiry dates, it is true that, according to settled case-law, considerations of an administrative nature cannot justify derogation by a Member State from the rules of EU law. That principle applies with even greater force where the derogation in question amounts to preventing or restricting the exercise of one of the fundamental freedoms of EU law (see judgment in Arblade and Others, C-369/96 and C-376/96, EU:C:1999:575, paragraph 37 and the case-law cited).*

*51 However, it is appropriate to bear in mind the specific nature of legislation on betting and gambling, which is one of the areas in which there are significant moral, religious and cultural differences between the Member States. In the absence of harmonisation on the issue at EU level, it is for each Member State to determine in those areas, in accordance with its own scale of values, what is required in order to ensure that the interests in question are protected, since the identification of the objectives which are in fact pursued by the national legislation falls, in the context of a case referred to the Court under Article 267 TFEU, within the jurisdiction of the national court*

*(judgment in Digibet and Albers, EU:C:2014:1756, paragraph 24 and the case-law cited).*

*52 Accordingly, in that specific field, national authorities enjoy a wide measure of discretion when determining what is required in order to ensure consumer protection and the preservation of order in society and — provided that the conditions laid down in the Court's case-law are in fact met — it is for each Member State to assess whether, in the context of the legitimate aims which it pursues, it is necessary to prohibit, wholly or in part, betting and gambling or only to restrict them and, to that end, to lay down more or less strict supervisory rules (see judgment in Digibet and Albers, EU:C:2014:1756, paragraph 32 and the case-law cited).*

*53 It follows that, in this particular context, the reorganisation of the licensing system through the alignment of licence expiry dates may, by providing for a shorter period of validity for the new licences than that for the licences awarded previously, contribute to a coherent pursuit of the legitimate objectives of reducing gambling opportunities or combating criminality linked to betting and gambling and may also satisfy the proportionality requirements."*

105. Sentenza oħra rappurtata hija dik mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet ***Robert Pfleger and Others***[24] fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea enunċjat diversi prinċipji:

*39 Legislation of a Member State, such as that at issue in the main proceedings, which prohibits the operation of gaming machines in the absence of the prior authorisation of the administrative authorities constitutes a restriction of the freedom to provide services guaranteed by Article 56 TFEU (see, to that effect, inter alia, Joined Cases C-338/04, C-359/04 and C-360/04 Placanica and Others EU:C:2007:133, paragraph 42).*
*…*

*41 According to the Court's established case-law, restrictions on games of chance may be justified by overriding requirements in the public interest, such as consumer protection and the prevention of both fraud and incitement to squander money on gambling (see, to that effect, Carmen Media Group EU:C:2010:505, paragraph 55 and the case-law cited).*

*42 In the present case, with regard to the declared objectives pursued by the Austrian legislation at issue in the main proceedings, namely the protection of gamblers by restricting the supply of games of chance and the fight against crime connected with those games by channelling them through controlled expansion, it should be noted that they are among those recognised by the Court's case-law as capable of justifying restrictions on fundamental freedoms in the sector of games of chance (see, to that effect, Joined Cases C-72/10 and C-77/10 Costa and Cifone EU:C:2012:80, paragraph 61 and the case-law cited).*

[24] Deċiża fit-30 ta' April 2014- Kawża bin-numru ta' referenza: C-390/12 (Din kienet referenza preliminari minn Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Oberösterreich (illum Landesverwaltungsgericht Oberösterreich) fl-Awstrija)

*43 In addition, it should be recalled that the restrictions imposed by the Member States must satisfy the relevant conditions of proportionality and non-discrimination, as laid down in the Court's case-law. Thus, national legislation is appropriate for guaranteeing attainment of the objective pursued only if it genuinely reflects a concern to attain it in a consistent and systematic manner (see, to that effect, Case C-42/07 Liga Portuguesa de Futebol Profissional and Bwin International EU:C:2009:519, paragraphs 59 to 61 and the case-law cited).*

*44 The mere fact that a Member State has opted for a system of protection which differs from that adopted by another Member State cannot affect the assessment of proportionality of the provisions enacted to that end. Those provisions must be assessed solely by reference to the objectives pursued by the competent authorities of the Member State concerned and the level of protection which they seek to ensure (Case C-176/11 HIT and HIT LARIX EU:C:2012:454, paragraph 25 and the case-law cited).*

*45 In the specific area of the organisation of games of chance, national authorities enjoy a sufficient measure of discretion to enable them to determine what is required in order to ensure consumer protection and the preservation of order in society and — provided that the conditions laid down in the Court's case-law are in fact met — it is for each Member State to assess whether, in the context of the legitimate aims which it pursues, it is necessary to prohibit betting and gaming wholly or in part or only to restrict them and, to that end, to lay down more or less strict supervisory rules (see, to that effect, Joined Cases C-316/07, C-358/07 to C-360/07, C-409/07 and C-410/07 Stoß and Others EU:C:2010:504, paragraph 76, and Carmen Media Group EU:C:2010:505, paragraph 46).*

*46 Furthermore, it is not disputed that, unlike the introduction of free, undistorted competition in a traditional market, the presence of that kind of competition in the very specific market of games of chance, that is to say, between several operators authorised to run the same games of chance, is liable to have detrimental effects, owing to the fact that those operators would be led to compete with each other in inventiveness to make what they offer more attractive than what their competitors offer, and thereby to increase consumers' expenditure on gaming and the risks of their addiction (Joined Cases C-186/11 and C-209/11 Stanleybet International and Others EU:C:2013:33, paragraph 45).*

*47 However, the identification of the objectives in fact pursued by the national legislation is, in the context of a case referred to the Court under Article 267 TFEU, within the jurisdiction of the referring court (see, to that effect, Dickinger and Ömer EU:C:2011:582, paragraph 51).*

*48 It is also for the referring court, while taking account of the information provided by the Court, to determine whether the restrictions imposed by the Member State concerned satisfy the conditions laid down in the Court's case-law as regards their proportionality (see Dickinger and Ömer EU:C:2011:582, paragraph 50).*

*49 In particular, it is for that court to satisfy itself, having regard inter alia to the actual rules for applying the restrictive legislation concerned, that the legislation genuinely meets the concern to reduce opportunities for gambling, to limit activities in that area and to fight gambling-related crime in a consistent and systematic manner (see Dickinger and Ömer EU:C:2011:582, paragraphs 50 and 56).*

*50 In that regard, the Court has previously held that it is the Member State wishing to rely on an objective capable of justifying the restriction of the freedom to provide services which must supply the court called on to rule on that question with all the evidence of such a kind as to enable the court to be satisfied that the measure does indeed comply with the requirements deriving from the principle of proportionality (see Dickinger and Ömer EU:C:2011:582, paragraph 54 and the case-law cited).*

*51 It cannot, however, be inferred from that case-law that a Member State is deprived of the possibility of establishing that an internal restrictive measure satisfies those requirements, solely on the ground that that Member State is not able to produce studies serving as the basis for the adoption of the legislation at issue (see, to that effect, Stoß and Others EU:C:2010:504, paragraph 72).*

*52 Accordingly, the national court must carry out a global assessment of the circumstances in which restrictive legislation, such as that at issue in the main proceedings, was adopted and implemented.*

*53 In the present case, the referring court considers that the national authorities have not shown that crime and/or addiction to gambling actually constituted, during the period at issue, a significant problem.*

*54 That court appears, in addition, to consider that the real purpose of the restrictive system at issue is not the fight against crime and the protection of gamblers, but a mere increase of State tax revenue, whereas, as the Court has already held, the mere aim of increasing public tax revenue cannot allow such a restriction of freedom to provide services (see Dickinger and Ömer EU:C:2011:582, paragraph 55). In any event, that system appears to be disproportionate, since it is not appropriate for the purpose of guaranteeing the consistency required by the Court's case-law and goes beyond what is necessary in order to attain the declared objectives pursued.*

*55 If that assessment were finally to be adopted by the referring court, it would have to conclude that the system at issue in the main proceedings is incompatible with EU law.*

*56 In the light of all of the foregoing, the answer to the first question is that Article 56 TFEU must be interpreted as precluding national legislation, such as that at issue in the main proceedings, where that legislation does not actually pursue the objective of protecting gamblers or fighting crime and does not genuinely meet the concern to reduce opportunities for gambling or to fight gambling-related crime in a consistent and systematic manner".*

106. Sentenza oħra rappurtata, u li titkellem dwar il-bżonn illi r-restrizzjonijiet fis-settur tal-logħob għandhom ikunu b'mod koerenti u sistematiku hija ***Piergiorgio Gambelli and Others***[25] fejn il-Qorti qalet:

> *"First of all, whilst in Schindler, Läärä and Zenatti the Court accepted that restrictions on gaming activities may be justified by imperative requirements in the general interest, such as consumer protection and the prevention of both fraud and incitement to squander on gaming, restrictions based on such grounds and on the need to preserve public order must also be suitable for achieving those objectives, inasmuch as they must serve to limit betting activities in a consistent and systematic manner".*

107. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet ***Fluctus s.r.o. and Others vs Landespolizeidirektion Steiermark***[26] stabbilit dawn il-prinċipji:

> *"Article 56 TFEU must be interpreted as not precluding a dual system of organisation of the market in games of chance solely on the ground that the advertising practices of the holder of the monopoly on lotteries and casinos are intended to encourage active participation in games, for example by trivialising gambling, by giving it a positive image because the proceeds are used for activities of general interest or by increasing its attractiveness through catchy advertising messages which promise large winnings.*
>
> *The principle of the primacy of Union law must be interpreted as requiring a court of a Member State to disapply a provision of national law which is contrary to Article 56 TFEU, including where a higher court of that same Member State has held that that provision was consistent with Union law."*

## IV. Il-Kwistjoni tal-Istrateġija Pubblika (Ordre Public)

108. Wara r-referenza għal numru ta' sentenzi ferm interessanti u ta' tagħlim mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din il-Qorti sejra issa tistħarreġ il-kwistjoni tal-*Ordre Public*, li fuqha hija ċċentrata l-kawża odjerna.

109. Għal dak illi jirrigwarda l-argument tal-ħtieġa ta' Strateġija Pubblika, il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-Artikolu ppublikat minn Bram Akkermans intitolat: ***"Public Policy (Orde public) - A comparative analysis of national, private international law, and EU Public Policy***" fejn l-awtur jispjega kif ġej:

> *"Member States defend themselves against this influence by foreign law, for – at least at first sight – good reasons. They desire to protect the fundamental norms of their own national legal order and the coherence between these, whilst at the same time accommodating foreign law to the extent that this is possible. From the perspective of national law this is done best by transformation or assimilation into the applicable national law.*
>
> *…*
> *In EU law however, restrictions to access to the market of a Member State, even when they are potential restrictions, are generally prohibited by the four*

[25] Deċiża fit-6 ta' Novembru 2003- Kawża bin-numru ta' referenza: C-243/01 (Din kienet referenza preliminari mit-Tribunale di Ascoli Piceno fl-Italja)
[26] Deċiża fit-18 ta' Mejju 2021- Kawża bin-numru ta' referenza: C-920/19 (Din kienet referenza preliminari mir-Regional Administrative Court ta' Styria fl-Awstrija)

*freedoms. Member States must offer a ground for justification of such restriction that is then tested for proportionality by the courts.*

*In terms of recognition of foreign law many justifications are possible. Examples are consumer protection, internal coherence of the legal system, and -especially-public policy. Public policy, or ordre public in its commonly used version, refers to rules that Member States deem of special importance. The meaning and interpretation of public policy is a matter of debate and there is no definition readily available. Usually public policy is defined through examples of its application or by what it is not. Public policy therefore is an open term that most of the time is filled in by legal systems on a case by case basis to ensure legal certainty at the national level, but without any general definition used by the EU or the Member States themselves.*

*Public policy is the doctrine with which legal systems enforce mandatory norms on society and all its actors. It is used to protect public interest, public morality as well as public security, primarily in a domestic setting. Traditionally, however, the doctrine is also used in situations of private international law. Different than in national law, the mandatory norms of the state manifest itself in a defensive context in these situations: public policy is used to prevent the application of foreign law in the domestic legal order. Third, and very uniquely, in the context of the internal market also the EU enforces a concept of (EU) Public Policy. Contrary to the PIL-version of the doctrine, in the EU setting EU Public Policy is used to enforce foreign elements in a domestic setting in a Member State. In every legal system there are those that argue that these three levels of public policy are distinct concepts, that share terminology only. I submit, however, they are manifestations of the same idea: the state enforcing the fundamental choices it has made in different context. A unitary analysis, as I will argue, sheds light on this phenomenon and its actual use. To distinguish different concepts that share nothing but the name does not do justice to the way in which states uphold their fundamental norms. I argue, therefore, that there are different versions of the same public policy depending on what level the concept is considered.*

*…*

*In other words, each of these levels operates a concept of public policy (ordre public) that is not necessarily the same across all levels. It is perhaps because of this that legal systems generally do not provide a strict definition. In legal doctrine, however, attempts to reach a definition have been made. Tim Corthaut states that public policy:*

*'is the complex of norms at the very heart of a political entity expressing and protecting the basic options taken by that entity in respect of its political, economic, social and cultural order'.*

*…*

*There is a complex relationship between these different levels of public policy and there are several dimensions that the concept of public policy addresses.*

*National public policy, both internal and external, is recognised by EU law, but EU law also maintains its own concept of EU ordre public. These concepts are used to navigate between horizontal conflict between normative orders, as well as in vertical conflicts between these orders in the multi-level legal order of the European Union.112 European public policy serves (1) to provide a limit to the pluralist nature of the landscape of national legal orders, (2) as a means to protect the coherence of EU law, and (3) can serve as an additional method to limit private (horizontal) arrangements.*

*…*

*Apart from EU law referring to national provisions which are deemed of public policy and which are to be set by the national courts, over the years the CJEU has developed a concept of EU ordre public. This concept refers to rules of EU law that are of such a mandatory nature that they apply regardless of their context. These can be rules of both primary and secondary EU law.*

*Such rules concern, first and foremost, matters of security and constitutional order. Examples are the fight against terrorism, internal security, the limits of legal competence of the EU Institutions and the Court, and the division of competence between the Union and the Member States.EU Public Policy therefore also includes the doctrines of supremacy and direct effect, as well as other fundamental principles that ensure the effective application of EU law. The most important of these is the loyalty between Member States, which plays a crucial role in the CJEU's case law on public policy."*

110. Jidher ċar, kif inhu bejn spjegat fl-Artikolu supraċitat, illi ma teżisti l-ebda definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi *"public policy/ordre public"*. B'hekk l-Istati Membri għandhom il-liberta' illi jagħtu definizzjoni huma u jiddefinixxu x'inhi l-istrateġija pubblika tagħhom.

111. Madanakollu, l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza fl-ismijiet: ***Renault SA vs Maxicar SpA and Orazio Formento***[27] qalet illi:

*"Consequently, while it is not for the Court to define the content of the public policy of a Contracting State, it is none the less required to review the limits within which the courts of a Contracting State may have recourse to that concept for the purpose of refusing recognition of a judgment emanating from another Contracting State (Krombach, paragraph 23)".*

112. In oltre fis-sentenza ***Horst Ludwig Martin Hoffmann vs Adelheid Krieg***[28], il-Qorti tal-Ġustizzja ttenniet illi:

**"***Use of the public-policy clause, which "ought to operate only in exceptional cases"* .

113. Referenza ser issir ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet**: *Dieter Krombach and Andre' Bamberski*[29]** fejn fuq il-kwistjoni tal-*public policy clause*, l-Qorti qalet:

[27] Deċiża fil- 11 ta' Mejju 2000- Kawża bin-numru ta' referenza: C-38/98 (Din kienet referenza preliminari mill-Corte d'Appello ta' Torino, fl-Italja)
[28] Deċiża fl-4 ta' Frar 1988- Kawża bin-numru ta' referenza: C- 145/86 (Din kienet referenza preliminari mill-Hoge Raad, fl-Olanda)
[29] Deċiża fit-28 ta' Marzu 2000- Kawża bin-numru ta' referenza: C-7/98 (Din kienet referenza preliminari minn Bundesgerichtshof fil-Ġermanja)

*"Can be envisaged only where recognition or enforcement of the judgment delivered in another Contracting State would be at variance to an unacceptable degree with the legal order of the State in which enforcement is sought inasmuch as it infringes a fundamental principle. (...) the infringement would have to constitute a manifest breach of a rule of law regarded as essential in the legal order of the State in which enforcement is sought or of a right recognised as being fundamental within that legal order.*"

114. Il-Qorti tqis ukoll illi għandha tagħmel referenza ampja għax-xhieda erudita ta' Dr Mario Vassallo, lettur l-Universita' ta' Malta u Kap tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika, li ċertament għandu jitqies bħala luminarju fil-qasam tal-Politika Pubblika, mogħtija minnu fid-29 ta' Mejju 2023, fejn huwa jispjega b'mod dettaljat u ċar x'inhi *"public policy"* u jtenni s-segwenti:

**"***Dr Jonathan Muscat:*
*Tgħallem jiġifieri ... bħala akkademiku u espert fil-Public Policy tista' tagħtina definizzjoni akkademika tal-espressjoni Public Policy?*

*Ix-Xhud:*
*Public Policy hija dak kollu li l-Gvern jagħżel li jagħmel jew inkella għal raġunijiet tiegħu jagħżel li ma jagħmilx. Mela Public Policy huwa l-azzjonijiet ... id-deċiżjonijiet tal-Gvern biex essenzjalment jagħmel żewġ affarijiet: il-benesseri tal-soċjetà ... jgħolli l-benesseri tas-soċjetà u dan billi jsaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku. Kieku jkolli naqsam il-Ministeri kollha tal-Gvern fi tnejn ... f'żewġ super ministries dawk ikunu ... l-ekonomija fuq naħa u s-soċjetà b'dak kollu li jmur magħha fuq in-naħa l-oħra.*

*Dr Jonathan Muscat:*
*Jiġifieri kull pajjiż gvernat għandu Public Policy?*

*Ix-Xhud:*
*Kull Gvern jeżerċita l-Public Policy iva. Jiġifieri bil-Malti għax dan hija Qorti Maltija ... Public Policy hija politika. Imma emm ... bħat-Taljan il-Malti juża l-kelma politika għal dak li l-Ingliż għandu żewġ termini. Fl-Ingliż hemm politics u policy, mentri l-Malti bħat-Taljan juża l-kelma politika. Mela għandek l-element ta' politika ideoloġika jekk hux tan-Nazzjonalisti u Laburisti ... lemin, xellug, ċentru ... imma mbagħad għandek ukoll il-politika settorali ... il-politika tal-ambjent, il-politika tas-saħħa u l-bqija. U dak huwa Public Policy.*

**...**

*Ix-Xhud:*
*Il-Public Policy l-ewwel ħaġa hija settorali ... jiġifieri għandek Public Policy fl-oqsma kollha tal-ħajja u tal-ekonomija. Jekk tara l-firxa tal-Ministeri ... European għandek Ministeri mill-Kultura għas-Saħħa, mill-Enerġija għall-Agrikoltura, mill-Ekonomija għal Bidla fil-Klima. Jiġifieri l-ewwel mezz ... l-ewwel mezz ta' kif naqsmu l-Public Policy huwa fuq livell settorali. Issa jekk il-Gvern iħoss li dik il-politika illi hu jkun tela' biha fil-manifest elettorali tiegħu s' hemm hekk tkun għadha wegħda eh ... inti kull partit jidħol għal*

*elezzjoni b'ruħu u ġismu u jagħti sett ta' promessi ... sett ta' wegħdiet. Jekk dak il-partit jitla' fil-Gvern dawk il-promessi mbagħad il-ħsieb huwa li jsiru policies. Jekk il-Gvern ikun irid ... jiġifieri policies ... jiġifieri pjanijiet ta' ħidma u implimentazzjoni ... jekk il-Gvern ikun irid li jsaħħaħ dik il-policy allura iressaq l-abbozz ta' liġi fil-Parlament biex dik il-policy imbagħad issir liġi. Jiġifieri minn ideat fil-manifesti elettorali għal-liġi sewwa ... waqt ... waqt li meta jsir eżekuttiv l-partit rebbieħ.*

*Dr Jonathan Muscat:*
*U apparti l-ideat li jevolvu emm ... mill-manifest elettorali imbagħad isiru Public Policy mill-partit rebbieħ fil-Gvern imbagħad jistgħu jsiru liġijiet ... matul il-leġiżlatura jistgħu jinħolqu Public Policies oħrajn li policies oħrajn li ma kinux imfissra jew imwegħda fil-manifest elettorali?*

*Ix-Xhud:*
*Iva l-ħajja umana hija dik li hi ... hemm ħafna kontinġenza, affarijiet jinqalgħu minn issa għal issa u mingħajr ma jkun hemm bilfors premeditazzjoni tagħhom ... bħal per eżempju meta nqalgħet il-pandemija. Ħadd ma ħaseb qabel l-elezzjoni li ġejja pandemija u l-Gvern kellu jwettaq sensiela ta' Public Policies uħud minnhom enforzati anke b'liġijiet biex jissalvagwardja s-saħħa pubblika fil ... f'każ ta' emerġenza.*

*Il-Qorti:*
*Jiġifieri bħala Public Policy mhix marbuta biss mal-pjanijiet, imma marbuta naturalment mal-kontinġenza?*

*Ix-Xhud:*
*Mal-kontinġenza ukoll.*

*Il-Qorti:*
*Kif jimxi l-pajjiż?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux kif jimxi l-pajjiż biss Sur Imħallef, imma anke ma' aspetti internazzjonali.*

...

*Ix-Xhud:*
*Din hija l-banka l-oħra tal-Public Policy fejn għandek allura l-iżvilupp, id-diversifikazzjoni u tisħiħ tal-ekonomija ... għaliex mingħajr ekonomija li qiegħda tiġġenera l-flus ma jistax ikollok il-Gvern li jwieżen is-soċjetà u jagħmel budget minn sena għal sena biex jagħti l-għajnuniet tiegħu, u l-ispiża kapitali.*

*Dr Jonathan Muscat:*
*Jiġifieri Public Policies biex iqassam il-ġid lill-pajjiż u Public Policies biex biex ...*

*Ix-Xhud:*
*Joħloq.*

*Dr Jonathan Muscat:*
*Biex jiġġenerah ...*

*Ix-Xhud:*
*Ija hemm Public Policies biex joħloq il-ġid u biex iqassam il-ġid ... economic growth u social justice.*

...

*Dr Jonathan Muscat:*
*... U issa semmejna wkoll meta Malta daħlet membru tal-Unjoni Ewropea ... meta saret membru tal-Unjoni Ewropea. Meta saret parti mill-Unjoni Ewropea, Malta addottat ittrattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea emm ... allura jista' jingħad li dan ngħidulu TFEU ... dan it-trattat f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa parti integrali mill-Public Policy ta' Malta?*

*Ix-Xhud:*
*Biex Malta emm ... innegozjat il ... emm ... innegozjat is-sħubija tagħha u effettivament tefgħetha għal ġudizzju tal-poplu, essenzjalment kellu jsir innegozjat fuq kif Malta tinkorpora l'Acquis Communautaire ... jiġifieri l-ġabra kollha tal-liġijiet. Iktar kemm il-pożizzjoni domestika hija 'l bogħod mill-Acquis, iktar se tkun iebsa u ta' sagrifiċċju t-tranżizzjoni. Iktar kemm il-pożizzjoni oriġinali ta' ... oriġinali ta' Malta hija eqreb lejn il-Politika Ewropea, it-tranżizzjoni se tkun eħfef u b' inqas vittmi".*

(fol 332 et seq-334 et seq)

115. Dr Mario Vassallo jerġa' jixhed fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2024 fejn jkompli jispjega kif ġej:

*"Dr Damien De Giorgio:*
*Mela emm ... x' fatturi mela ... x' fatturi jidħlu fil ... fid-deċiżjonijiet tal-gvern meta jiddeċiedi x' inhi politika ... x' inhu public policy jew le ?*

*Ix-Xhud:*
*Il-politika hija tmexxija tan-nies. Issa jiena nifhem li t-tmexxija għandha tkun 'il quddiem u mhux bħal granċ ... b' lura jew fil-ġenb u allura jfisser illi meta l-Gvern jiġi biex ifassal jew jiddefendi jew jenforza l-politika tiegħu tkun biex itejjeb il-kwalità taċ-ċittadini tiegħu.*

*Dr Damien De Giorgio:*
*Issa il ... il-morali tac-ċittadini jidħol ? Jiġi kkunsidrat ? Għandu rabta mal ... mat-tfassil tal-public policy jew jista' jinnewtralizza ?*

*Ix-Xhud:*
*Il-public policy trid issir skond is-saltna tad-dritt ... skont il-liġi. Issa l-kwistjonijiet morali huma lil hinn mil-liġi u jistgħu jvarjaw minn persuna għal oħra ... imma l-liġi hija għal kulħadd xorta.*

*Dr Damien De Giorgio:*

*Issa il ... il-public policy ... meta ngħidu public policy insibuha fil-liġi xi tkun il-public policy tal-Gvern ? Tkun miktuba fil-liġi ?*

*Ix-Xhud:*
*Public ... mela kull liġi titwieled bħala politika. Għaliex ? Għaliex kull liġi trid tiġi ratifikata mill-Parlament u allura jridu jkunu l-politiċi illi jitrattawha, jiddiskutuha ... eventwalment jivvutaw fuqha. Mela kull liġi hija fl-oriġini tagħha politika. Imma mhux kull politika ... mhux kull policy hija għandha s-saħħa ta' liġi għax jista' jkun li politika tissarraf fi strateġija jew inkella fi framework jew inkella f' linji gwida.*

*Dr Damien De Giorgio:*
*Issa inti semmejtilna wkoll u fil-fatt għalaqt biha ... il-kuntest tal ... tad-dritt tal-Unjoni Ewropeja ... l-isħubija fl-aħħar ghoxrin (20) sena fl-Unjoni Ewropea. X' effett kellha din fuq ... fuq dak li jista' jagħmel u ma jagħmilx ilGvern bħala ... bħala public policy ?*

*Ix-Xhud:*
*Bla dubju illi hemm proċess politiku li huwa l-Ewropeanizzazzjoni ... Europeanisation ... u allura emm ... Europeanisation tfisser illi l-Gvern Malti u kull Gvern tal-Istat Membru itella' 'l fuq aspetti illi huma ta' relevanza għall-Unjoni Ewropea ... imma fl-istess ħin minn ġol-Unjoni Ewropea ... minn ġo Brussell iniżżel 'l isfel aspetti illi jorbtuh għaliex imbagħad ikun irid jaderixxi mal ... mad-direzzjoni u mar-regoli Ewropej. Jiġifieri kemm ... kemm politika li minn isfel titla' 'l fuq u kemm ukoll minn Brussel tinżel 'l isfel.*

*...*

*Ix-Xhud:*
*Il-mod ta' kif l-Istati Membri jassorbu jew inkella ma jassorbux il ... il ... dak li jinżel minn Brussel f'termini ta' regoli jew inkella ta' soft power ivarja minn pajjiż għall-ieħor. Emm ... u ivarja wkoll minn skond kemm l-amministrazzjoni pubblika jew il-qafas tal-liġijiet lokali domestiċi humiex diġà konformi jew inkella humiex f' kunflitt ma' dak li tgħid l-Unjoni Ewropea. Hemm ukoll il-kwistjoni taż-żmien ... sakemm ma tkunx regola imma tkun direttiva l-Istati Membri għandhom żmien differenti ... għandhom metodi differenti ta' kif jaslu għall-istess ħaġa ... hemm min jaderixxi billi jħaddan lock stock and barrel billi jħaddan kollox mill-bidu sat-tmiem u hemm min ... l-Italja wahda minnhom ... hemm min emm ... ikun ftit iktar ħa ma ngħidx prudenti ... imma jkun iktar ... inqas entużjast li jpoġġi fil-prattika dak li jkun ġie maqbul minn Brussel."*

(fol 899 et seq-900 et seq)

**<u>II. E. Is-sentenzi Awstrijaċi li tagħhom qed jintalab ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni</u>**

116. Il-Qorti sejra issa tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Awstrijaċi, senjatament il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt mogħtija fil-25 ta' Mejju tas-sena 2021 u s-sentenza mogħtija mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz mogħtija fit-13 ta' Awwissu 2021.

117. Jidher illi din il-kawża nfetħet fl-Awstrija minn ġugatur Gerhard Posch, l-intimat odjern, kontra kumpanija reġistrata f'Malta, European Lotto and Betting Ltd, is-soċjeta' rikorrenti odjerna, liema kumpanija hija liċenzjata mill-Awtorita' kompetenti Maltija sabiex toffri logħob tal-azzard.

118. Jidher illi l-ġugatur Gerhard Posch tilef l-ammont ta' erbgħin elf ħames mija u sitta u tletin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Ewro 40,536.43), waqt li kien qed jieħu sehem f'logħob tal-azzard offrut mill-kumpanija TSG Interactive Gaming Europe Ltd, fil-perijodu bejn it-2 ta' Jannar 2017 u d-19 ta' Diċembru 2019.

119. Jidher illi għalhekk, fuq parir lilu mogħti, Gerhard Posch fetaħ proċeduri kontra s-soċjeta' imsemmija sabiex jitlob il-ħlas tal-ammont minnu mitluf taħt il-pretest illi s-soċjeta' rikorrenti kienet pprojbita milli toffrilu s-servizz illi huwa ngħata liberament.

120. Jidher illi, fl-argumentazzjoni tal-konsulenti legali ta' Posch, huwa jikkontendi illi huwa intitolat għall-kumpens stante li s-soċjeta' kienet offriet logħob tal-azzard fis-sens tal-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 12a tal-GSpG (liġi dwar il-logħob tal-azzard) fl-Awstrija mingħajr liċenzja fis-sens tal-Artikolu 14 et seq tal-GSpG, u b'hekk il-kuntratt tal-logħob tal-azzard mhuwiex ammissibbli u mhuwiex effettiv. Huwa jargumenta wkoll illi fir-rigward tal-aktar ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali (VfGH), u tal-Qorti Amministrattiva (VwGH) kif ukoll tal-Qorti Suprema (OGH) jirriżulta li l-GSpG hija legalment valida u li d-dritt ta' rkupru tiegħu jirriżulta minn logħob tal-azzard projbit fir-rigward tan-nuqqas ta' liċenzja tas-soċjeta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd. Illi s-soċjeta' oġġezzjonat għat-talba ta' Gerhard Posch u ressqet numru ta' argumenti.

121. Jirriżulta illi l-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt fis-sentenza tagħha trattat għala l-liġi li għandha tiġi applikata hija dik Awstrijaka. Imbagħad stabbilit dak, il-Qorti fost l-oħrajn tenniet illi l-attur (f'dik il-kawża ossia Gerhard Posch) għamel l-imħatri tiegħu mas-soċjeta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd abbażi ta' "kuntratt tal-logħob tal-azzard mhux awtorizzat u għalhekk mhux validu" u peress li l-logħob ipprojbit lanqas joħloq obbligu naturali, t-tellief jista' jitlob lura d-dejn tal-imħatri jew tal-logħob imħallas u dan mingħajr ma jkun kuntrarju għad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili Awstrijak. Infatti l-istess Qorti tirribadixxi illi li jiġi miċħud id-dritt ta' rkupru jkun kontradditorju għall-iskop tal-projbizzjonijiet tal-logħob tal-azzard u b'hekk is-soċjeta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd għandha tħallas lura t-telf fil-logħob fl-ammont tar-rikors ta' Gerhard Posch.

122. Illi din is-sentenza ġiet appellata mis-soċjeta' rikorrenti u l-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz fis-sentenza tagħha mogħtija fit-13 ta' Awwissu 2021 ċaħdet l-appell tas-soċjeta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd. Illi fis-sentenza tagħha dik il-Qorti stabbilit illi l-Qorti tal-Ewwel Istanza kienet diġa' għamlet l-verifiki tagħha li l-logħob tal-azzard ġewwa l-Awstrija huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u kienet wasslet għall-konklużjoni illi ċ-ċirkostanzi ppreżentati mis-soċjeta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd mhumiex suffiċjenti għall-inkompatibilita' mal-liġi tal-Unjoni Ewropea. In oltre, l-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz issemmi wkoll illi s-soċjeta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd ma tistax turi b'mod illi jinftiehem biżżejjed għaliex is-sistema Awstrijaka tal-liġi dwar il-logħob tal-azzard jingħad li tikser id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari minħabba li tindika biss ftit aspetti li huma kritiċi fl-opinjoni tagħha filwaqt li tinjora bosta punti essenzjali oħra- speċjalment dawk li jikkonċernaw il-protezzjoni maħsuba tal-ġugaturi. Illi fid-deċiżjoni tagħha, dik il-

Qorti kkonkludiet ukoll illi ma tqajmux kwistjonijiet legali sostanzjali ta' importanza fundamentali li jmorru lil hinn mill-kawża individwali skont l-Artikolu 502(1) ZPO u għaldaqstant ir-reviżjoni ordinarja tal-Qorti Suprema mhijiex ammissibli.

**II. F. Stħarriġ jekk il-prinċipji li joħorġu mis-sentenzi Awstrijaċi humiex manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) tal-Istat Malti**

123. Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tistabbilixxi jekk is-sentenzi mogħtija mill-Qrati Awstrijaċi jmorrux kontra l-istrateġija pubblika tal-Malta u għaldaqstant jekk ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni għandux jiġi rrifjutat fuq din il-bażi, hekk kif jipprovdi l-Artikolu 45 (1)(a) u l-Artikolu 46 tal-Regolament 1215/2012.

124. Illi l-Qorti sejra brevement tissottolinea l-punti prinċipali u l-prinċipji tas-sentenzi Awstrijaċi.

125. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, għandha xenarju fejn ġugatur (l-intimat Gerhard Posch) fetaħ kawża sabiex jirkupra t-telf illi huwa għamel meta lagħab logħob tal-azzard ossija '*online games of chance*' offrut minn kumpannija rreġistrata Malta (r-rikorrenti TSG Interactive Gaming Europe Ltd) u liċenzjata mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob sabiex topera f' Malta kif ukoll fl-Unjoni Ewoprea.

126. Jirriżulta illi l-Qrati ġewwa l-Awstrija, laqgħu t-talba tal-ġugatur sabiex jirkupra l-ammont minnu mitluf u dan fost oħrajn minħabba li l-kumpannija Maltija ma tistax topera ġewwa l-Awstrija għaliex ma għandiex il-konċessjoni maħruġa ai termini tal-Liġi dwar il-Logħob tal-Azzard u għaldaqstant il-kuntratt tal-logħob tal-azzard mhuwiex ammissibli u mhuwiex effettiv.

127. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Qrati Awstrijaċi qiesu illi l-liċenzja mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti mill-Awtoritajiet Maltin kienet waħda invalida għat-territorju Awstrijaku.

128. Ikkunsidrat dan kollu, l-eżami li din il-Qorti trid tagħmel, fis-sustanza, huwa wieħed: Dawn il-prinċipji u konsiderazzjonijiet legali li jemanaw mis-sentenza Awstrijaka jmorru kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) ta' pajjiżna u għalhekk ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza ser tmur kontra l-istrateġija pubblika ta' Malta?

129. **Minnufih, din il-Qorti tibda billi tgħid illi, ikkunsidrat il-fatti kollha kif rappurtati hawn fuq u wara illi rat id-deċiżjoni tal-Qorti ġewwa Awstrija u l-motivazzjonijiet tagħha, din il-Qorti ma għandha ebda dubju illi tikkonkludi illi l-konklużjonijiet ta' din is-sentenza huma manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) tal-Istat Malti, u <u>għalhekk ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi mogħtija mill- Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt kif ukoll Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz għandhom jiġu rrifjutati ai termini tal-Artikolu 45(1)(a) u l-Artikolu 46 tar-Regolament 1215/2012</u>.**

130. Din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħti l-motivazzjonijiet tagħha għala dan huwa l-każ.

**Supremazija tal-Liġijiet Ewropej**

131. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi fl-1 ta' Mejju tas-sena 2004, Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea u b'hekk hija saret waħda mill-Istati Membri f'din l-Unjoni. Illi din l-isħubija ġabet magħha ħafna tibdiliet - waħda mill-ikbar tibdiliet hija dik tas-

supremazija tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea. B'hekk, illum il-ġurnata, ġewwa Malta, bħalma huwa wkoll ġewwa l-Awstrija, fejn ikollok liġi nazzjonali li tmur kontra dik Ewropea, d-duttrina tas-supremazija tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea, tirrikjedi illi tiġi applikata l-liġi Ewropea.

132. Di fatti, l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi dan li ġej:

> *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003."*

133. Fejn jirrigwarda l-importanza tas-supremazijiet tal-Liġijiet Ewropej sabiex jiġi assikurat li l-Komunita' illum imsejjħa Unjoni tirnexxi, waħda mill-aktar sentenzi rilevanti mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja hija dik fl-ismijiet: ***NV Algemene Transport-en Expeditie Onderneming van Gend & Loos v Nederlandse Administratie der Belastingen***[30] fejn il-Qorti stabbiliet illi:

> *"The objective of the EEC Treaty, which is to establish a Common Market, the functioning of which is the direct concern to the interested parties in the Community, implies that this Treaty is more than an agreement which merely creates mutual obligations between the contracting states . This view is confirmed by the preamble to the Treaty whihc refers not only to Governments but to Peoples. It is also confirmed more specifically by the establishment of institutions endowed with sovereign rights, the exercise of which affects Member States and also their citizens."*

134. Tali sentenza hija importanti għaliex fiha, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja saħqet illi mhux biss illi t-Trattat għandu 'effett dirett' (*direct effect*) u b'hekk applikabbli fil-Qrati Nazzjonali, iżda wkoll li t-Trattat ġab miegħu u kkrea għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea drittijiet importanti, liema drittijiet saru parti mil-liġijiet tagħhom u b'hekk jistgħu jiġu nvokati minnhom fi proċeduri nazzjonali quddiem il-Qrati Nazzjonali tagħhom – waħda minn dawna d-drittijiet hija dik ta' liberta' tal-moviment u proviżjoni ta' servizzi.

135. Sentenza importanti oħra mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja hija dik fl-ismijiet: ***Flaminio Costa vs ENEL (Ente Nazionale Energia Elettrica)***[31] fejn il-Qorti ssottolineat is-supremazija tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea:

> *"By contrast with ordinary international treaties, the EEC Treaty has created its own legal system which, on the entry into force ofthe Treaty, became an integral part of the legal systems of the Member States and which their courts are bound to apply.*
>
> *By creating a Community of unlimited duration, having its own institutions, its own personality, its own legal capacity and capacity of representation on the international plane and, more particularly, real powers stemming from a limitation ofsovereignty or a transfer of powers from the States to the*

[30] Deċiża fil-5 ta' Frar 1963- Kawża bin-numru ta' referenza: C 26/62 (Din kienet referenza preliminari minn Tariefcommissie, Amsterdam fl-Olanda)
[31] Deċiża fil-15 ta' Lulju 1964- Kawża bin-numru ta' referenza: C 6/64 (Din kienet referenza preliminari mill-Giudice Concilatore di Milano, fl-Italja)

*Community, the Member States have limited their sovereign rights, albeit within limited fields, and have thus created a body of law which binds both their nationals and themselves.*

*The integration into the laws of each Member State of provisions which derive from the Community, and more generally the terms and the spirit of the Treaty, make it impossible for the States, as a corollary, to accord precedence to a unilateral and subsequent measure over a legal system accepted by them on a basis of reciprocity. Such a measure cannot therefore be inconsistent with that legal system. The executive force of Community law cannot vary from one State to another in deference to subsequent domestic laws, without jeopardizing the attainment of the objectives of the Treaty set out in Article 5 (2) and giving rise to the discrimination prohibited by Article 7".*

136. Illi dawn iż-żewġ sentenzi juru b'mod ċar u manifest illi l-adeżjoni ta' pajjiż fl-Unjoni Ewropea ġġib magħha r-responsabbilita' ta' dak il-pajjiż illi jaderixxi u jirrispetta t-Trattat tal-istess Unjoni u li jħaddan l-ispirtu tal-Unjoni Ewropea u l-oġġettivi tagħha.

137. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tissoffermax ruħha fuq dak minnha ġia' espress aktar kmieni f'din is-sentenza, ossija illi wieħed mill-elementi kruċjali u essenzjali illi fuqhom huwa bbażat l-operat u s-suċċess tas-suq intern tal-Unjoni Ewropea huwa dak fil-qasam tas-servizzi, ossia l-liberta' tal-istabbiliment tas-servizzi u l-liberta' li jiġu provduti servizzi fl-Ewropa **kollha**, dak li bl-Ingliż komunement nirreferu għalih bħala *" the free movement of services"*.

138. Fil-każ odern, din il-Qorti hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn kumpanija Maltija, debitament liċenzjata mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob sabiex toffri s-servizzi tagħha ġewwa Malti kif ukoll fl-Unjoni Ewropea (fid-dawl tal-liberta' għall-provvista ta' servizzi) u soġġetta għar-regoli stretti tal-Awtoritajiet Maltin, liema regoli u proċeduri **bl-ebda mod u f'ebda mument**, tul il-proċeduri odjerni, ma ġew ikkontestati u attakkati bħala mhux idoneji għall-operat ġewwa l-Ewropa, tiġi kkundannata minn Qorti Awstrijaka, illi hija wkoll Qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, sabiex tirrifondi lill-ġugatur l-ammont minnu mitluf rizultat ta' servizz ipprovdut mis-soċjeta' rikorrenti debitament liċenzjata biex tipprovdi tali servizz fl-Ewropa kollha, **taħt il-pretest** illi, skond il-Liġijiet Awstrijaċi kif interpretati mill-Qorti Awstrijaka, mhux permess lilha li topera f'dak l-Istat, għax hija soċjeta' waħda biss, b'maġġoranza privata, illi tista' tagħti tali servizz, in vista ta' monopolju legalizzat.

139. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali fehma, kif espressa mill-Qorti Awstrijaka bbażata fuq leġislazzjoni Awstrijaka, toħloq sitwazzjoni illi mhux biss tikkrea restrizzjoni fuq il-liberta' għall-provvista tas-servizzi ġewwa l-Unjoni Ewropea, liema liberta' hija importantissima għat-tħaddin tal-oġġettiv tal-Unjoni Ewropea u għat-tħaddim tas-suq intern tal-istess Unjoni, iżda tista' tikkrea sitwazzjoni fejn qiegħda tiġi attakkata l-validita' ta' l-operat tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob u l-liċenzji mogħtija minnha.

140. Għal dina l-Qorti, huwa ċar illi qed isir attakk lejn l-operat tal-Awtorita' ta' Malta, u għalhekk tal-Gvern ta' Malta, liema attakk qiegħed isir mhux biss il-Liġijiet lokali

Maltin, iżda wkoll lit-Trattat li jippromwovi libertajiet li donnu qed jiġu rinnegati mill-Qrati Awstrijaċi.

141. Għalhekk, jidher ċar, għal din il-Qorti, illi hawnhekk si tratta mhux biss ta' kwistjoni ta' restrizzjoni fuq il-liberta' għall-provvista tas-servizzi iżda wkoll li liċenzja legalment maħruġa minn Awtorita' kompetenti ta' Stat Membru ma tkunx rikonoxxuta f'pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea, u dan bi ksur tat-Trattati Ewropej.

**L-operat ta' l-Awtorita' ta' Malta Dwar il-Logħob**

142. Mix-xhieda ta' Dr Carl Brincat, Kap Eżekuttiv, ta' dak iż-żmien, tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob, huwa jispjega x'inhu r-rwol tal-Awtorita' u jgħid is-segwenti:

> *"Ix-Xhud:*
> *L-awtorita' ... l-funzjonijiet u s-setgħat tagħha huma definiti fil-liġi ... il-Kap 583 ... fost affarijiet oħra naturalment aħna responsabbli milli noħorġu liċenzji meta l-applikant ikun fit and proper biex jieħu l-liċenzja u nagħmlu supervision ta' min ikollu liċenzja ... imma aħna responsabbli wkoll skont l-għanijiet li hemm fil-liġi li niżguraw is-sostenibbiltà tal-industrija f'Malta, fost affarijiet oħrajn. U aħna wkoll advisers lill-Gvern fuq ... fuq dan il ... fuq dan l-aspett u fuq l-aspett regolatorju wkoll.*
>
> ...
>
> *Ix-Xhud:*
> *Aħna naturalment ... aħna advisors lill-Gvern fejn tidħol policy pero ultimately nimplimentaw il-policy li hija tal-gvern bħala awtorità pubblika. Iġifieri iva naturalment anke meta semmejt per eżempju il-pożizzjonijiet ta' Malta fuq meta nibagħtu submissions to this directive ... meta saru interventi quddiem il-Qorti Ewropea ... dawn it-tip ta' pożizzjonijiet aħna nkunu parteċipi fihom bħala l-esperti tal-gvern fir-rigward ta' gaming. Pero huma pożizzjonijiet tal-pajjiż mhumiex pożizzjonijiet tal-awtorità. Fejn ... fejn tidħol il-pożizzjoni tal-awtorità ħa nesibixxi Sur Imħallef, u għandi kopja ovvjament għall-partijiet il-legal opinion tagħna ... dawk il-kaxxi kopji hemm. Imma illi hemm ukoll per eżempju ... aħna kellna komunikat mill-Ministeru tal-Finanzi Awstrijak illi huwa r-regolatur għal kull fini fl-Awstrija. M'hemmx regolatur separat bħalma aħna aħna, fejn talbuna xi darbtejn li nwaqqfu il-liċenzja ... il-liċenzjarji tagħna milli joperaw fl-Awstrija għax qalulna dawn ma jistgħux eċċetra. Aħna through il ... il-Ministeru kemm tagħna u kemm il-Foreign Affairs weġibna li l-pożizzjoni tagħna hija din li l-operaturi tagħna ... il-licencees tagħna jistgħu joperaw fl-Awstrija għaliex ma naqblux li l-monopolju kif inhuwa strutturat hu in line mal-ġurisprudenza. U again, din minħabba li huwa ministeru ma weġibnix aħna waħidna counter ... lil counterpart tagħna minħabba li l-counterpart kien ministeru ... il-pożizzjoni saret tal-ministeru tagħna u tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ukoll. Iġifieri hija pożizzjoni li hija riflessa fil-pożizzjoni tal-gvern."*
>
> (fol 130 et seq u fol 132-132 et seq)

143. Hawnhekk, il-Qorti tosserva illi x-xhieda ta' Dr Carl Brincat mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob hija ta' rilevanza kbira fil-każ odjern, peress illi fiha qiegħed jiġi delineat mhux biss is-settur tal-logħob f' Malta iżda wkoll għala bħala Awtorita' tħoss illi s-sentenza Awstrijaka tmur kontra l-istrateġija pubblika ta' Malta u għalhekk din il-Qorti ser tirriproduċi ħafna minn din ix-xhieda:

"*Dr Joseph Mizzi:*
*All right. Tista' tispjegalna kif żviluppat il-policy tal-gaming f'Malta u meta ġiet stabbilita l-awtorità?*

*Ix-Xhud:*
*Mela in brief Sur Imħallef fil ... fin-1998 kien hemm id-deċiżjoni li jiġi privatizzat il ... l-ewwel casino ... il ... l-iktar li huwa relevanti għal ... għal din il-kawża naturalment huwa l-online. Issa l-onlajn madwar qisu 2000 kien hemm deċiżjoni li Malta tibda tiżviluppa policy fir-rigward tal-online gaming. Fil-fatt dak iż-żmien kien hemm il-gaming board li kien ġie stabbilit taħt il-gaming act ta' 1998 li kien jirregola land based u dak iż-żmien kienu nħarġu remote betting offices ordinance xi ħaġa hekk ... Fil fatt bdew jiġu stabbiliti xi kumpaniji tal-online gaming f'Malta madwar 2001 ... 2002 ... pero il-qafas regolatorju propja l-iktar b'saħħtu li ... li kien ... li kien tnieda kien fit-2000 ... 2001 kienet ħarġet il-lotteries and other games act ... il-kap 438 jekk qed niftakar sew illi kien stabbilixxa l-awtorita li llum hija magħrufa bħala l-MGA ... dak iż-żmien kienet il-lotteries and gaming authority u fil ... fl-2004 kienu ħarġu remote gaming regulations illi kienu speċifikament regolamenti taħt l-att biex jirregolaw l-online. Dak kien fil-kuntest illi Malta kienet iddeċidiet illi bħalma għandna services industry fil-financial services trid tistabilixxi xi ħaġa simili fir-rigward tal-online gaming. Konna first movers illi fl-Ewropa ma kienx hemm regolamentazzjoni rigward l-online u ridna nużaw il-passporting ukoll illi ... illi dak iż-żmien stennejna li se tkun ... se jkun hemm abbażi tal-prinċipju ... tal-freedom to provide services illi kumpanija tiġi stabbilita f'Malta bħala online naturalment ma tipprovdix is-servizzi tagħha f'Malta biss ... f'Malta wkoll imma tipprovdi servizzi madwar l-Ewropa u fil-bqija tad-dinja fejn tista'. Dan ... din hija il-pożizzjoni li żammet l-awtorità fl-implimentazzjoni tal-public policy tal-gvern sal-lum il-ġurnata.*

*Il-Qorti:*
*U allura biex inkun naf jiġifieri dawn ... dawn il-liġijiet kienu daħlu qabel ma Malta daħlet fl-Ewropa?*

*Ix-Xhud:*
*Yes. Bil-ħsieb illi għax qed napplikaw għall-EU naturalment nużaw iktar il ... dak li ... il-benefiċċji li jtuna t-treaties.*

*Il-Qorti:*
*U allura da parti tal-Ewropa dawn il-liġijiet kienu ġew skrutinizzati u meta dħalna kienu aċċettati bħala ...*

*Ix-Xhud:*
*Yes. Yes.*

...

*Ix-Xhud:*
*Le aħna dejjem bqajna u għadna sal-lum nisħqu li l-prinċipju kardinali huwa l-freedom to provide services. Issa skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea hemm ċirkostanzi fejn b'eċċezzjoni ... għalkemm l-eċċezzjoni mhijiex uncommon fl-Ewropa llum il-ġurnata ... b'eċċezzjoni tista' tirrestrinġi dak il-freedom. Issa fil-każ ta' gambling per eżempju hemm diversi pajjiżi illi bl-eċċezzjoni bbażata fuq il-public health u l-protezzjoni tal-ġugatur ... b'eċċezzjoni għamlu national licensing regime tagħhom. Minn naħa tagħna allura li tweakjajna ftit il-pożizzjoni ta' Malta hija illi inti tista' bħala kumpanija stabbilita f'Malta u liċenzjata mill-MGA topera fejn għandek raġuni legali valida ... bażi legali valida biex topera. Issa f'dak il-kuntest ... kuntest li huwa relevanti għal-lum fejn inti għandek per eżempju ... fil-każ tal-Awstrija ħalli ... ħalli nasal għall-punt tal-Awstrija ... fil-każ tal-Awstrija għandhom monopolju. Issa monopolju huwa l-ikbar restrizzjoni ... restrizzjoni għal freedom to provide services li jista' jkollok. Għaldaqstant r-requirements biex inti tirrestrinġi l-freedom to provide services permezz ta' monopolju huma iktar onerużi milli huma per eżempju b' open licensing regime. Eżempju għall-mod tal-kelma l-Ingilterra meta kienet għadha fl-Unjoni Ewropea għamlet licensing regime tagħha. Pero kull min irid japplika, jista' japplika, jaraw jekk huwiex eliġibbli u jingħata liċenzja. Dik l-oneru tal-prova li inti trid tagħti lill-kummissjoni biex tirrestrinġi l-freedom to provide services huwa inqas milli huwa b'monopolju. U din hemm ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwarha wkoll. Iġifieri monopolju per eżempju trid tagħmel a dynamic reassessment ... trid li huwa l-iktar mod proportionate biex inti you achieve the aims illi inti qed tgħid li trid tagħmel bih ... emm ... per eżempju ħaġa oħra hija illi l-monopolju kemm jista' jkun ma jridx ikun estremament aggressiv fil-marketing u biex ikabbar jikber ekonomikament il-monopolju imma iktar biex iżomm il-players f' dak il-logħob li għandu diġà, eccetra. Hemm diversi ... hemm diversi requirements. F'dan il-każ aħna il-pożizzjoni tagħna per eżempju hi illi dak il-monopolju mhuwiex in line mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea allura għandek bażi legali biex topera fl-Awstrija minn Malta. Mill-banda l-oħra jekk inti għandek open licensing regime bħalma per eżempju kien hemm l-Ingilterra ma tistax topera b' liċenzja ġo l-Ingilterra. Iġifieri we adapted our position skond l-iżviluppi naturalment.*

...

*Ix-Xhud:*
*Fl-opinjoni tagħna iva.*

*Il-Qorti:*
*U allura nifhem li hemm sentenzi li ... li lilkom jiggwidawkom anki fuq dan l-argument.*

*Ix-Xhud:*
*Is-sentenzi tal-Qorti Ewropea ma jidħlux daqs hekk fid-dettall Sur Imħallef ... jiġifieri aħna li qed naraw huwa s-sentenzi li hemm ... l-interpretazzjoni tagħna ta' dawk is-sentenzi għax il-Qorti Ewropea ħafna drabi li tgħidlek*

*huwa per eżempju dawn ir-requirements biex inti jkollok monopolju. Pero mbagħad ma tiddeċidix hi jekk il-monopolju hux ok jew le. Xorta dejjem ħa tirreferiha lura lill-Qrati tal-pajjiż konċernat ... jiġifieri qatt ma tieħu deċiżjoni ...*

*...*

*Ix-Xhud:*
*Aħna fl-opinjoni tagħna dawn is-sentenzi Sur Imħallef huma bbażati fuq il-prinċipju li l-kuntratt bejn il-licensee tagħna u l-ġugatur huwa llegali u allura status quo ante ... issa fl-opinjoni tagħna il-kuntratt mhuwiex illegali jiġifieri hawn hekk hija sempliċiment illi l-interpretazzjoni ta' Malta ta' x' jista' jagħmel licensee Malti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Awstrija ... ta' x' jista' jagħmel licensee Malti go l-Awstrija, jiġifieri aħna fil-pożizzjoni ... fl-opinjoni tagħna illi hija ukoll il-gvern jista' jixhed għalih ... pero naf li hija l-pożizzjoni tal-gvern ukoll hija li le ma għandux jiġi refunded l-ammont għax il-kuntratt huwa validu ... it-terms and conditions huma validi jiġifieri għalina.*

*…*

*Il-Qorti:*
*Din l-interpretazzjoni hija bbażata fuq il-fatt illi intom qed tgħidu li peress li għandhom monopolju huma ma jistgħux jinterpretaw id-deċiżjoni tal-European Court of Justice a favur tagħhom kif qed jinterpretawha?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux purament għax għandhom monopolju. Jista' jkun monopolju jkun ġustifikat pero kif inhu l-monopolju Awstrijak u l-kawżi li kien hemm fl-Awstrija fir-rigward tal-monopolju ma jissodisfawx l-opinjoni tagħna ... ir-rekwiżiti li hemm fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea….*

*…*

*Dr Joseph Mizzi:*
*All right ... issa diġà dħalt fiha pero ħa nerġa' ... ħa nerġa' nistaqsihielek. Is-sistema tal-Awstrija intom qegħdin tgħidu li tmur kontra l-public policy ta' Malta emm ... bħala pajjiż għalfejn hemm din il-pożizzjoni?*

*Ix-Xhud:*
*Dik il-pożizzjoni hija bbażata fuq il-freedoms jiġifieri aħna l-pożizzjoni tagħna fil-fatt hija riflessa wkoll fuq kif aħna nittrattaw liċenzji ta' pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea. Aħna nirrikonoxxuhom. Hemm proċess fil-liġi tagħna li jissejjaħ recognition notice ... kull m'għandek jiġifieri it's a notification procedure illi inti tgħidilna għall-mod tal-kelma jiena għandi liċenzja mill-Italja ... nista' jiena nopera ġo Malta? Ir-risposta hija iva tista' topera ġo Malta b'dik il-liċenzja ... m'għandekx bżonn liċenzja mill-MGA. Il-proċess ta' notifikazzjoni qiegħed hemm biex aħna l-ewwel nett inkunu nafu illi vera għandhom il-liċenzja mill-Italja, li l-liċenzja hija valida, ġieli nistaqsu aħna on an ad hoc basis lill-counterparts tagħna ... are they in good standing ... biex inkunu nafu li min qed joffri s-servizzi minn Malta jew lill-Maltin huwa*

*in good standing mar-regolatur tiegħu. U naraw illi per eżempju għal finijiet ta' AMLCFT huma supervised. Għax ġieli minħabba li anke AML huwa minimum hamonisation, Sur Imħallef kien hemm ftit konfużjoni jekk il-kumpanija hija Maltija imma l-liċenzja hija Taljana ... ir-regolatur Taljan se jagħmilhom supervision? Għax aħna ma nagħmlulhomx supervision jew l-FIAU u għal finijiet ta' AMLCFT għax ma għandhomx liċenzja minn tagħna u m' humiex subject persons. So ridna naraw li ma jkunx hemm din il-lacuna illi per eżempju għandek kumpanija Maltija b'liċenzja Taljana u ħadd ma jagħmel supervision. Jiġifieri għalhekk hemm dak il-proċess pero aħna nirrikonoxxuhom dawk il-liċenzji. Dik tifforma l-bażi għal public policy. Mela la aħna l-public policy tagħna hija above all ... freedom to provide services li hija fl-aħħar mill-aħħar supremacy of EU Law. Jiġifieri mhix f'pożizzjoni li ħarġet għax iddeċidejna one fine day hekk jaqblilna.*

...

*Dr Joseph Mizzi:*
*Issa b'din il-liċenzja l-operatur jista' jopera ġewwa l-Awstrija u hemm xi restrizzjonijiet fejn jista' jopera bil-liċenzja?*

*Ix-Xhud:*
*Mela ... kif ... kif għidt ... kif għidt qabel Sur Imħallef ir-restrizzjoni hija justifiable legal reason biex topera fil-post. Jiġifieri aħna in principle li ... illiċenzja hija biex topera minn Malta anywhere else ... kemm ġo Malta u kemm anywhere else.*

*Il-Qorti:*
*Ġod-dinja kollha.*

*Ix-Xhud:*
*Ġod-dinja kollha ... issa dak huwa l-prinċipju ... pero naturalment irid ikollok raġuni valida legali kemm fl-Ewropa u kemm barra mill-Ewropa biex topera go dak il-pajjiż. Fir-rigward ta' l-Awstrija ir-raġuni legali valida hija li fl-opinjoni tagħna il-monopolju m' huwiex in line mal-ġurisprudenza u mal-freedoms mela allura default position tal-freedom to provide services ... allura tista' topera f'pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea.*

...

*Ix-Xhud:*
*Iva emm ... din hija bħalma semmejt qabel Sur Imħallef aħna kellna approaches mill-ministeru tal-Awstrija ... when we rebuffed the approach imbagħad dawn il-kawżi splodew. Jiġifieri hi kwistjoni daqsxejn ta' m'għaddejtx mill-bieb ... ħa ngħaddi mit-tieqa. Il-mod kif inhi l-liġi ta' l-Awstrija minħabba li tista' tirreclaimja lura t-telf għal ... tliet ... bi tletin (30) sena lura naturalment hija l-impatt finanzjarju fuq il-licensee ... huwa enormi u dan saret issue ta' issa it's free gambling ... iġifieri lanqas hu gambling għax il-player jaf illi jekk jirbaħ iridu jħallsuh ... għax aħna ha ngħidulhom ħallsuh. Għax huwa obbligu tagħhom li jekk il-player rebaħ iħallsuh. Jekk jitlef he'll get his money back in principle ... skond il-liġi Awstrijaka jiġifieri it's not even gambling any more ... fil-verità it's free money ... U jiġifieri*

*saret institutionalised ... jiġifieri l-mod ta' kif jagħmluha ... għax ovvjament l-impatt huwa negattiv ħafna ... għax inti kellek ... mela l-operatur huwa liċenzjat minn Malta biex joffri s-servizzi tiegħu leġittimament. L-Awstrija qed iħallas it-taxxa ... l-Awstrija in principle għax din tajjeb li tkun tafha Sur Imħallef ... In principle l-Awstrija qed jgħidulu għandna monopolju u ma tistax topera imma t-taxxa trid tħallasha xi forty per cent (40 %).*

...

*Ix-Xhud:*
*Iva. Iva. Iva. Xi forty per cent (40 %) ... on gross gaming revenue. Mela jiena ... jekk jiena l-operatur jiena għandi liċenzja minn Malta qed inħallas it-taxxa Malta għax Malta tirregolani. Qed nopera fl-Awstrija leġittimament skont illiċenzja tiegħi. L-Awstrija qed tgħidli għandi monopolju pero at the same time qed tgħidli isma' fuq il-profitti ħallas it-taxxa ... l-Awstrija.*

*Il-Qorti:*
*U ħa jħallsuhom lura t-taxxa?*

*Ix-Xhud:*
*Ifhimni ... s'issa l-gvern Awstrijak ma tantx jista' jħallas lura t-taxxa nimmaġina ... jiġifieri le loġika ... il-loġika hekk tgħidlek Sur Imħallef ...imma hekk hu ... imma effettivament hekk hu. Kont qed topera fejn għamilt il-qliegħ ħallast it-taxxa fuqu u issa f'daqqa waħda qed jgħidulek isma' dak il-qliegħ kollu li għamilt fl-aħħar tletin (30) sena mill-players Awstrijaki technically se jitħallsu lura. U mhux il-qliegħ ... il-qliegħ plus it-taxxa għax kull ... kull ... id-deposits kollha tħallas. Ma nafx weġibtx imma l-impatt huwa loġiku imbagħad ... l-impatt mill-ispjegazzjoni tas-sitwazzjoni."*

(fol 132 et seq-137)

144. Mix-xhieda hawn fuq riportata, jidher b'mod ċar illi meta l-Awtorita' kompetenti Maltija fis-settur tal-logħob, ossia l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob, toħroġ liċenzja lill-operatur, hija tkun qed tagħtih id-dritt illi jopera f'Malta, fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u saħansitra madwar id-dinja. Dan ifisser illi, bħala riżultat ta' tali liċenzja, operatur li qed jeżerċita dak id-dritt mogħti lilu minn Awtorita' pubblika kompetenti f'Malta u qed jopera f'pajjiż lil mhux f'Malta imma f'pajjiż tal-Unjoni Ewropea, qiegħed jagħmel dan, għaliex l-istess Awtorita' Maltija tagħtih is-setgħa u d-dritt li jagħmilha bil-ħruġ tal-liċenzja rispettiva.

145. Kif jirriżulta mix-xhieda ta' Dr Carl Brincat, il-pożizzjoni tal-Awtorita' u ta' Malta, għal dak li għandu x'jaqsam mal-liċenzjar tal-operaturi fil-qasam tal-logħob tal-azzard, hija waħda msejsa fuq il-prinċipju u l-liberta' tal-Unjoni Ewropea li tipprovdi servizzi. Infatti, tant kemm huwa hekk illi l-istess Dr Brincat jispjega illi din tapplika wkoll għal min għandu liċenzja maħruġa minn Stat Membru ieħor u jixtieq jopera ġewwa Malta:

*"Dik il-pożizzjoni hija bbażata fuq il-freedoms jiġifieri aħna l-pożizzjoni tagħna fil-fatt hija riflessa wkoll fuq kif aħna nittrattaw liċenzji ta' pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea. Aħna nirrikonoxxuhom".*

146. Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għal-*"Legal Opinion of the Malta Gaming Authority on its position regarding Licenses' targeting of certain jurisdictions under the MGA licence",* fejn jingħad is-segwenti:

> *"It is part and parcel of the Maltese gambling legal framework and Maltese public policy that, in accordance with on the basis of the freedom of an EU-established entity to provide service to consumers within another EU Member State, an MGA licence confers the right onto Licensees to operate cross-border from Malta, if a justifiable legal reason to target such jurisdiction exists*
>
> ...
>
> *On this basis of the above CJEU jurisprudence that establishes robust and clear principles to which restrictive regimes must adhere and on the basis of the jurisdiction-specific research that was conducted in Austria, the MGA reiterates its stance that its Licensees have a justified legal reason to target the Austrian market, insofar as they remain compliant with the licence conditions and legal obligations established under the Maltese gaming framework, due to the unjustified restrictions that unfairly obsure access to the Austrian market".*
>
> **(fol 149 u fol 156)**

147. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-affidavit ta' Ronald Mizzi, fil-kapaċita' tiegħu ta' Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet fejn fih jispjega illi Malta dejjem kellha pożizzjoni kontra kull tip ta' restrizzjoni mhux ġustifikabbli fuq il-libertajiet tal-istabbiliment u tal-provvediment tas-servizzi minn meta saret parti mill-Unjoni Ewropea u fost l-oħrajn jgħid illi:

> *"Nista' nikkonferma li l-MEFL, il-ministeri kollha preċendenti responsabbli għas-settur tal-logħob u l-Gvern b'mod ġenerali, dejjem kellhom din il-pożizzjoni li l-libertajiet garantiti mit-TFEU huma sagrostanti u parti intrinsika tal-ordni pubbliku Malti minn meta Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea u saħansitra anke fis-snin direttament preċedenti meta bdiet tħejji biex tidħol u ssir Stat Membru. Dan jista' jiġi kkonfermat minn numru ta' interventi li kellha Malta fuq livell Ewropej, inkluż f'sottomissjonijiet magħmula in konnessjoni ma' leġislazzjoni proposta, Detailed Opinions and Comments sottomessi in relazzjoni ma' TRIS Notifications, il-parteċipazzjoni ta' Malta f'taħdidiet working parties u korrispondenza diplomatika li kellha ma' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea."*
>
> (fol 566)

148. Illi in oltre, fl-affidavit ta' Christopher Cutajar, Segretarju Permanenti fi Ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, jsostni illi:

> *"nikkonferma li l-Gvern Malti dejjem għamel sforz konxju u konsistenti fuq livell Ewropew kontra kull tip ta' restrizzjoni jew xkiel bla bżonn in relazzjoni mas-suq intern mal-Unjoni Ewropea u l-liberta' tal-provvediment tas-servizzi, fis-settur tal-logħob. Di fatti fl-2011, Malta ssottomettiet risposta uffiċjali għall-Green Paper fuq il-futur tal-online gaming fis-Suq Intern. Il-*

*Gvern sostna li kull restrizzjoni implementata minn Stati Membri fil-leġislazzjoni domestika tagħhom fuq is-settur tal-logħob m'hijiex konformi mal-libertajiet protetti mit-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Partikolarment Artikli 49 u 56 tat-Trattat u l-liġi tal-Unjoni Ewropea.*

…

*Nikkonferma wkoll li l-Gvern u l-Awtorita' dejjem ħassew li kien kruċjali li l-interessi tal-pajjiż jiġu protetti, u li Malta tintervjeni, kull meta Stat Membru ried jintroduċi qafas regolatorju ġdid fis-settur tal-logħob. Di fatti, f'dawn l-Opinjonijiet Dettaljati u Kummenti Malta dejjem ikkritikat kull miżura li fil-fehma tagħha kienet tolqot, tirrestrinġi jew timpedixxi l-libertajiet tas-Suq Intern".*

(fol 884)

Illi l-istess Christopher Cutajar, jippreżenta numru ta' dokumenti li juru l-pożizzjoni ta' Malta għal dak li għandu x'jaqsam mas-settur tal-logħob, liema dokumenti jinsabu eżebita minn fol 886-917 tal-proċess.

149. Il-Qorti tinnota wkoll illi fl-istess sentenza tagħha l-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt tirrileva illi:

*"Il-Konvenut, bħala kumpanija privata fl-Awstrija ma għandux liċenzja fis-sens tal-Artikolu 14 tal-GSpG, iżda għandu liċenzji minn awtoritajiet rispettivi għal kuntratti ta' logħob tal-azzard ma' klijenti f'pajjiżi oħrajn tal-UE"* (fol 47).

150. Jidher ċar illi l-Qrati Awstrijaci kienu ben a korrent tal-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti kellha liċenzja valida maħruġa mill-Awtoritajiet Maltin, iżda madanakollu xorta qieset tali liċenzja bħala invalida ġewwa t-territorju Awstrijaku.

## Bażi tal-Azzjoni ta' Gerhard Posch fil-Qorti Awstrijaka

151. Dwar ir-rikjesta magħmula mill-intimat Gerhard Posch u aċċettati mill-Qrati Awstrijaki, din il-Qorti tirrileva illi kif jidher kemm mill-qari tas-Sentenzi, kemm mill-qari tal-affidavit ta' Mag. Ulrich Salburg[32], kif ukoll mill-affidavit tal-intimat Gerhard Posch[33], il-konvenut kien iddepożita somma ta' ftit aktar minn erbgħin elf Ewro, għamel profitt ta' ftit aktar minn tlett elf Ewro u imbagħad fittex is-soċjeta' rikorrenti għas-somma mitlufa minnu waqt li kien qiegħed jilgħab tramite s-sit tas-soċjeta' attriċi, ossia l-PokerStars website. Infatti, l-istess intimat jispjega illi:

*"I played on the PokerStars website from January 2nd, 2017, to December 19th, 2019. I deposited a total of EUR 43,943.73 and received EUR 3,407.30 in payouts, resulting in a loss of EUR 40,536.43. Playing onto the PokerStars website led me into debt, and I had to take out a loan."*

(fol 922)

[32] A fol 874-876 et seq
[33] A fol 922

152. Hawnhekk il-Qorti tosserva illi, kif jispjega l-istess intimat Gerhard Posch fl-affidavit tiegħu, fil-perjodu li kien qiegħed jilgħab il-logħob tal-azzard tramite s-sit tas-soċjeta' rikorrenti, huwa għamel kemm profitt u ċioe' rebħiet, għal liema rebħiet ma kellu ebda rimpjant u ma għamel ebda kawża. Kif jiġri dejjem fil-qasam tal-logħob tal-azzard, Posch għamel ukoll telf, u kien dak illi tilef li huwa eventwalment talab lill-Qrati Awstrijaci sabiex jirkupraha – dwar dawk il-flejjes illi huwa rebaħ, skond hu permezz ta' servizz illegali tas-soċjeta' rikorrenti, l-intimat ma jgħid xejn!

153. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, minkejja l-asserzjoni ta' l-intimat, bl-approvazzjoni tal-Qrati Awstrijaċi, illi s-servizz li qed tipprovdi s-soċjeta' rikorrenti hija illegali, madanakollu, f'każ illi ġugatur, li qed jilgħab minn ġewwa l-Awstrija, jirbaħ ammont ta' flus mingħand operatur bħalma hija s-soċjeta' rikorrenti, li allura skond il-Qrati Awstrijaċi, mhux dak tal-monopolju stante illi m'għandux il-konċessjoni maħruġa lilu, dak l-operatur huwa obbligat illi jħallsu s-somma mirbuħa – u dana minkejja illi tali attivita' hija meqjusa bħala illegali kemm minn Posch kif ukoll mill-Qrati Awstrijaċi.

154. Fix-xhieda tiegħu, dwar din is-sitwazzjoni paradossali kkreata minn l-interpretazzjoni tal-Qrati Awstrijaċi, Dr Carl Brincat jispjega:

> "*Iġifieri lanqas hu gambling għax il-player jaf illi jekk jirbaħ iridu jħallsuh … għax aħna ħa ngħidulhom ħallsuh. Għax huwa obbligu tagħhom li jekk il-player rebaħ iħallsuh".*

**Taxxa mħallsa ġewwa l-Awstrija għall-servizz allegatament "illegali".**

155. Il-Qorti, hawnhekk, tistqarr illi hija wkoll tassew perplessa mill-fatt li ħareġ mill-provi prodotti quddiem dina il-Qorti li, ossija illi filwaqt illi l-Qrati tal-Awstrija jikkontendu illi l-operazzjoni pprovduta mis-soċjeta' rikorrenti hija waħda illegali, l-Awtoritajiet fiskali Awstrijaċi jibbenefikaw finanzjarjament minn tali operazzjoni hekk imsejjħa "illegali", u dana peress illi s-soċjeta' rikorrenti tħallas wkoll it-taxxa ta' erbgħin fil-mija (40%) ġewwa l-Awstrija fuq l-operat tagħha.

156. Jidher, infatti, illi għas-servizz konsiderat illegali mill-Qrati Awstrijaċi, il-Gvern Awstrijaku qed idaħħal taxxa ta' erbgħin (40%) fil-mija fuq il-qliegħ!

157. Tali asserzjoni qiegħda ssir abbażi tal-fatti kif dikjarati mix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti, fejn Dr Carl Brincat, mistoqsi dwar taxxa, jgħid:

> *"L-Awstrija qed iħallas it-taxxa … l-Awstrija in principle għax din tajjeb li tkun tafha Sur Imħallef … In principle l-Awstrija qed jgħidulu għandna monopolju u ma tistax topera imma t-taxxa trid tħallasha xi forty per cent (40 %).*

158. Dana huwa kkonfermat wkoll mix-xhieda ta' Thomas Forstner, fejn huwa jispjega s-segwenti:

> *"Dr Joseph Mizzi:*
> *Something … another thing … we're soon going to conclude here, so can you please explain whether Maltese operators are actually being asked to pay taxes in Austria?*

*The Witness:*
*Yes. All operators who make the office available to play us in Austria, they are paying gambling taxes in Austria. Emm ... in height of forty per cent (40 %) of the cross gaming revenue. Maybe it's important to say that GGR ... gross gaming revenue means stakes minus winnings, so it's sales and this situation has been ongoing for years. So yes, they pay taxes and they do it on their own.*

*The Court:*
*And if ... if I can ask a question. And would I be correct in saying that not only the Maltese companies do the service in ... in Austria, there are other countries who may offer that service emm ... has something else been done by other countries on this issue?*

*The Witness:*
*To understand you right, you mean in Austria?*

*The Court:*
*Yes.*

*The Witness:*
*To the Austrian situation?*

*The Court:*
*Yes.*

*The Witness:*
*Yes, as far as I know there are different operators and they offering their services in Austria, but they have to pay, they pay taxes too as far as I know."*

(fol 288 et seq-289)

159. L-istess jingħad fl-affidavit ta' Edward Hamilton, General Counsel u Group Company Secretary tas-soċjeta' rikorrenti, li jikkonferma illi:

*"I confirm that the Company is registered to pay tax in Austria and that it is fully compliant with its tax obligations arising in this respect and specifically:*

- *The Company was registered to pay and paid gaming tax in Austria from April 2019 up to and including January 2023. Gaming tax for the month of February 2023 will become due at the end of March 2023.*

- *The Company was also registered to pay and paid sports betting tax from May 2020 up to and including January 2023. Sports betting tax for the month of February 2023 will become due at the end of March 2023."*

(fol 292-293)

160. Illi barra minn hekk, fl-affidavit ta' Cormac Thomas O'Brien, Direttur tas-soċjeta' rikorrenti, jikkonferma illi:

*"The Company pays tax on a monthly basis according to the Austrian tax regulations (40% of Gross Gambling Revenue, in relation to poker and casino products, and 2% of stakes in relation to sports betting). The Company is fully compliant with its tax payment obligations arising in this respect."*
(fol 290)

161. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għad-dokument intitolat *"Legal Opinion Regarding the Austrian Gambling Monopoly in Light of EU Law and Fair Trial Aspects in Connection with Civil Claims for a Refund of Online Gambling Losses"* redatt minn Brandl Talos Attorneys at Law a fol 318, fejn hemm imniżżel illi:

*"Foreign gambling operators are reporting and paying taxes in Austria in the amount of 40% of the GGR, even though the gambling contracts between the operator and a customer are considered null and void according to the Highest Courts".*

162. Ulterjorment, fid-dokument intitolat *"Opinion-EU Law Implications Derived From Civil Judgements In Austrian Courts Upholding Recovery Claims From Players Against Maltese-Licenced Operators Performing Services in Austria",* liema dokument huwa miktub minn Prof. Dr Daniel Sarmiento, a fol 439 hemm miktub illi:

*"The performance of gambling services in Austria is subject to tax, levied at the point of consumption irrespective of whether the operator is licensed in Austria or not. A 40% rate is applied on the winnings of players from stakes over a time-span of one calendar year. This tax is collected by the operator, including Maltese-licenced operators. The Austrian Tax Office has the authority to enforce payment of this tax and failure to perform payment constitutes a criminal offence of tax evasion subject to the Austrian Financial Crime Act (Finanzstrafgesetz).*

*The gambling tax is calculated by the providers themselves and paid to the tax office on a monthly basis. It makes no difference whether the provider has a branch in Austria or in a Member State of the EU or a third country.*

*As a result, Austrian authorities are actively participating in the collection of fiscal revenue derived from earnings in gambling activities performed by Maltese-licenced operators in Austria.*

*There is no evidence of any measures by the Austrian tax authorities refusing to collect tax withheld by Maltese-licenced operators on behalf of players in gambling services performed in Austria".*

163. Din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi, l-fatt li l-operat tas-soċjeta' rikorrenti, allegament illegali, huwa soġġett għall-intaxxar ta' erbgħin fil-mija (40%) ta' dak l-imsejjaħ *Gross Gaming Revenue* min-naħa tal-Awtoritajiet Awstrijaċi, jikkrea sitwazzjoni surreali u ta' kontradizzjoni totali, fejn, fejn min-naħa għandek l-Qrati Awstrijaċi illi jqisu l-operat ta' soċjetajiet bħal dik rikorrenti bħala wieħed illeċitu u illegali u għalhekk jikkundannawhom jirrifondu l-flejjes kollha illi jkunu tilfu l-

ġugaturi, filwaqt illi min-naħa l-oħra għandek Awtorita' Awstrijaka, ossija l-Gvern Awstrijaku illi qiegħed jintaxxa tali servizz allegatament "illegali", u tiġbor it-taxxa fuq dak l-operat.

164. Tali sitwazzjoni hija waħda bħal li kieku, b'eżempju analogu, filwaqt illi huwa illegali tbiegħ id-droga ġewwa l-Awstrija, il-Gvern huwa madanakollu awtorizzat illi jiġbor it-taxxi mingħand min illegalment ibiegħ tali droga! Ċertament dina hija sitwazzjoni surreali għall-aħħar u li, din il-Qorti, temmen li ma japplikax fejn jirrigwarda l-bejgħ ta' drogi u ma huwiex il-każ - għalhekk dina s-sitwazzjoni illoġika għall-aħħar ċertament ixxejjen għall-aħħar l-argument tal-Qrati Awstrijaċi illi s-servizz ipprovdut mis-soċjeta' rikorrenti huwa illegali!

165. Din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax, f'dana l-istadju, illi minkejja li tali servizz huwa meqjus bħala illegali mill-Qrati, il-fatt illi l-Awtoritajiet governattivi jintaxxaw tali servizz u jiġbru tali taxxa hija indikattiva tal fatt illi, attwalment, s-servizz pprovdut mis-soċjeta' rikorrenti ma huwiex illegali affattu, iżda huwa aċċettat mill-Gvern Awstrijaku u huwa debitament intaxxat.

166. Li huwa ċert, għal din il-Qorti, huwa li la darba s-servizz ipprovdut mis-soċjeta' rikorrenti huwa intaxxat mill-Gvern Awstrijaku, l-istess Stat Awstrijak qiegħed taċitament jaċċetta dan l-operat ġewwa l-Awstrija mill-operaturi Maltin liċenzjati mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob bħala wieħed legali – ċertament ma kinux jintaxxaw servizz jekk ma kinux iqisu tali servizz bħala legali.

167. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ġia riprodott aktar 'il-fuq f'paragrafu 86, fejn fil-'**Gambling Case Laws**' pubblikat mill-Kummissjoni Ewropeja, jingħad dan li ġej:

> *The CJEU has also repeatedly recognised EU countries' rights to restrict the cross-border supply of certain gambling services where necessary to protect public interest objectives such as the protection of minors, the fight against gambling addiction, and the prevention of crime and fraud.*

168. Ċertament, la darba l-awtoritajiet fiskali ta' l-Awstrija ikkunsidraw l-attivita' tas-soċjeta' rikorrenti bħala waħda taxxabbli, dak ifisser illi l-"*public interest objectives*" illi huma fuq elenkati, u li setgħu jiġu kkunsidrati meta servizz bħal dak ipprovdut ms-soċjeta' rikorrenti jiġi ristrett u limitat, ma jistgħux jitqiesu bħala li jeżisti fl-għoti tal-monopolju.

169. **Dana kollu qiegħed jingħad peress illi, kkunsidrati l-fatti kollha hawn fuq spjegati, il-Qorti tibda tasal għall-konklużjoni illi l-ħsieb wara l-għoti tad-deċiżjoni tal-Qorti Awstrijaka ma kinetx il-fatt illi s-servizz tas-soċjeta' rikorrenti kien wieħed illegali, iżda kien il-fatt illi Posch, riżultat tal-kilba tiegħu għal-logħob tal-azzard, lagħab ammont kbir ta' flus, illi eventwalment huwa ma rkuprax lura kollha bħala rebħiet, u li dana ma kienx ġust, u għalhekk kellu jiġi rifuż lura l-flejjes illi huwa tilef!**

**Nuqqas ta' Eżawriment ta' Rimedji Ordinarji**

170. Jirriżulta illi fis-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri ta' intimat Gerhard Posch, wieħed mill-argument imressaq mill-istess Posch huwa li skont prinċipju stabbilit mill-Qrati tal-Unjoni Ewropea sabiex wieħed ikun jista' jagħmel użu mid-difiża stabbilita mill-

Artikolu 45(1) tar-Regolament, min iqajjem tali difiża jrid ikun eżawrixxa r-rimedji kollha disponibbli lilu fl-Istat fejn tkun oriġinat dik is-sentenza. Illi l-intimat Gerhard Posch jagħmel dan l-argument fl-ottika ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, senjatament is-sentenza *Diageo Brands BV v Simiramida*[34], fejn il-Qorti stabbilit illi biex wieħed jopponi r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi mogħtija fi Stati Membri oħrajn billi jinvoka illi hemm kunflitt manifest mal-istrateġija pubblika tal-Istat Membru indirizzat għandu ta' lanqas ikun eżawrixxa r-rimedji kollha disponibbli fil-pajjiż fejn tkun ingħata is-sentenza.

171. Jirriżulta illi, fl-istess nota ta' sottomissjonijiet, l-abbli difensuri ta' intimat Posch jargumentaw illi s-soċjeta' rikorrenti ma eżawritx r-rimedji kollha disponibbli għaliha fl-Istat tal-Oriġini u jikkwota x-xhieda tal-Mag.Ulrich Salburg mogħtija fl-4 ta' Ġunju 2024 fejn kien qal illi

> *"the gaming company has the possibility to make this request to Supreme Court to still allow to address Supreme Court because there is a general interest regulation of term importance. This...the gaming company did not"*
> (fol 926-926 et seq)

172. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għad-dokument li jinsab a fol 840-842et seq tal-proċess fejn ġie spjegat id-diffikultajiet ġudizzjarji riskontrati mill-operaturi u dan għaliex:

> *"Most of the online gambling operators' request for evidence are not granted because the first instance courts refer to established case law. The second instance courts confirm this approach, arguing that such evidence would not have any legal impact on the proceedings. However, the appellate courts and the Supreme Court are not (and cannot) reassess the restrictions correctly and dynamically, as required by CJEU case law, because they are lacking updated facts that would have had to be established in the first instance proceedings".*
>
> *"...also the second instance courts have refrained from reassessing the gambling monopoly in light of EU law and CJEU case law, which would be necessary especially due to the arguments concerning the (lack of) consistency of the de facto monopoly. Also, in this regard the courts simply refer to the established case law".*

173. Il-Qorti hawnhekk tqis illi għandha wkoll tagħmel referenza għall-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar ippreżentati fit-8 ta' Frar 2024 fil-kawża fl-ismijiet: ***Real Madrid Club de Futbol AE v EE, Société Editrice du Monde SA***[35] fejn għamel referenza għall-kawża *Diageo Brands* u ġie stabbilit illi:

> *"According to the Court, the Brussels I Regulation is based on the fundamental idea that individuals are required, in principle, to use all the legal remedies made available by the law of the Member State of origin. <u>Save where specific circumstances make it too difficult or impossible to make use of the legal remedies</u> in the Member State of origin, the individuals concerned must avail themselves of all the legal remedies available in that Member State*

[34] Deċiża fis-16 ta' Lulju 2015- Kawża bin-numru ta' referenza: C-681/13
[35] *Deċiża 4 ta' Ottubru 2024- Kawża bin-numru ta' referenza: C-633/22*

*with a view to preventing a breach of public policy before it occurs."* (sottolinjar tal-Qorti)

174. Din il-Qorti tirrileva illi, b'referenza għad-dokument supraċitat a fol 840-842 ippreparat mid-ditta ta' avukati li kienet tirrappreżenta numru ta' operaturi, fejn sar studju dwar ir-rimedji li huma disponibbli għall-operaturi, jirriżulta illi s-sitwazzjoni preżenti hija diffiċli jekk mhux impossibbli sabiex tingħata rimedju effettiv. Infatti fl-istess dokument filwaqt illi ġiet provduta statistika, hemm imniżżel is-segwenti:

> *"From our data review and court experience, we can confirm that the chances of success of appealing these judgements is close to zero. From our perspective, first instance courts are not conducting proper evidentiary proceedings but are solely referring to existing case law. Thus, the second instance courts confirm the first instance judgements and the Supreme Court confirms these judgements subsequently. It can be argued that the online gambling operators are thus de facto left without effective legal protection in Austrian player refund proceedings".*
>
> (fol 736 et seq)

175. Għalhekk, din il-Qorti tqis fid-dawl ta' dan kollu delineat, il-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti naqset milli tintavola appell ma għandux ikun ta' impediment sabiex din il-Qorti tevalwa l-kawża sottomessa mis-soċjeta' attriċi.

**Artikolu 56A tal-Kap 583**

176. Il-Qorti, qabel ma tgħaddi biex tirriafferma dak fuq ġia indikat, ossija illi s-sentenza Awstrijaka tmur manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) ta' Malta, tagħlaq ir-raġument tagħha, tqis illi għandha wkoll tagħmel referenza għall-Artikolu 56A tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dan il-għan sejra tikkwota t-test tal-istess liġi:

> *"56A. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kull liġi oħra, bħala prinċipju ta' ordni pubblika:*
>
> *(a) l-ebda azzjoni ma tista' tinġieb fil-konfront ta' detentur ta' liċenzja u, jew uffiċjali u, jew persuni rilevanti, preżenti jew passati, ta' detentur ta' liċenzja fir-rigward ta' materji relatati mal-provvista ta' servizz tal-logħob, jew fil-konfront ta' ġugatur għax irċieva tali servizz tal-logħob, jekk dik l-azzjoni:*
>
> > *(i) tikkonfliġġi ma', jew timmina, il-legalità tal-provvista ta' servizzi tal-logħob ġewwa jew minn Malta permezz ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità, jew il-legalità ta' kwalunkwe obbligu legali jew naturali li jirriżulta mill-provvista ta' tali servizzi tal-logħob; u*
> >
> > *(ii) tirrigwarda attività awtorizzata li hija leġittima fit-termini tal-Att u strumenti regolatorji oħra; u*
>
> *(b) il-Qorti għandha tirrifjuta r-rikonoxximent u, jew l-infurzar ġewwa Malta ta' kwalunkwe sentenza u, jew deċiżjoni barranija mogħtija fir-rigward ta' azzjoni tat-tip imsemmi fis-subartikolu (a)".*

177. Id-diċitura ta' l-Artikolu huwa ċar. Din il-Qorti setgħet faċilment, flok ma għamlet l-istħarriġ u konsiderazzjonijiet kif fuq magħmula, tistrieħ fuq tali provvediment fejn il-leġislatur Malti qiegħed jgħid, b'mod tassattiv, iswed fuq abjad, illi l-ebda azzjoni ma tista' tinġieb fil-konfront ta' detenur ta' liċenzja fir-rigward ta' materji relatati mal-provvista ta' servizz tal-logħob jew fil-konfront ta' ġugatur li rċieva tali servizz u dan **<u>"bħala prinċipji ta' ordni pubblika"</u>** u li għalhekk il-Qorti **<u>għandha</u>** tirrifjuta r-rikonoxximent u/jew l-infurzar f' Malta ta' sentenza minn Qorti barranija fir-rigward ta' azzjoni ta' dana t-tip.

178. Għalhekk, din il-Qorti setgħet tagħżel li tapplika l-Artikolu 56A, u tieqaf hemm.

179. Madanakollu, din il-Qorti qieset illi jkun aħjar li tikkunsidra l-fatti kollha u tagħmel il-konsiderazzjonijiet kif hawn fuq magħmula, sabiex issaħħaħ kemm l-argument ibbażat fuq l-Artikolu 56A kif ukoll sabiex tiġġustifika, bil-kliem u raġunament, ir-raġuni 'l għaliex din il-Qorti tqis is- sentenzi mogħtija mill-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt fil-25 ta' Mejju 2021 u mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz fit-13 ta' Awwissu 2021 hawn fuq rappurtata bħala waħda illi tmur kontra l-ordni pubblika Maltija.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** <u>l-ewwel talba</u> tas-soċjeta' rikorrenti;

**Tilqa'** <u>t-tieni</u>, <u>t-tielet</u> u <u>raba'</u> talba tas-soċjeta' rikorrenti, u għalhekk:

**Tiddikjara** u tiddeċiedi illi r-rikonoxximent tas-sentenza esteri Awstrijaċi tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 26 CG 7/20f – 16 u datata il-25 ta' Mejju 2021 u tal-Qorti Superjuri Reġjonali ta' Graz mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 2 R 146/21i u datata it-13 t'Awwissu 2021 għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 45(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), dan in kwantu ir-rikonoxximent tal-imsemmija sentenza ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-istat Malti;

**Tiddikjara** u tiddeċiedi illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza esteri Awstrijaċi tal-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 26 CG 7/20f – 16 u datata il-25 ta' Mejju 2021 u tal-Qorti Superjuri Reġjonali ta' Graz mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 2 R 146/21i u datata it-13 t'Awwissu 2021 għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), dan in

kwantu l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-istat Malti;

**Tordna** lill-intimat joħrog kontro-mandat għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru bin-numru n-numru ta' referenza 521/2022;

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a karigu tal-konvenut.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**